Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu
Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

2023/0448(COD)

16.4.2025

EMENDI
1097 - 1552

Abbozz ta' rapport
Tilly Metz, Daniel Buda
(PE770.070v01-00)

Il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet

Proposta għal regolament
(COM(2023)0770 – C9-0446/2023 – 2023/0448(COD))

Emenda 1097
Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta l-ġurnal tal-vjaġġ ***ikun jikkonċerna vjaġġ*** twil jew vjaġġ qasir lejn pajjiż terz, l-organizzatur ***għandu*** jissottometti ***fi TRACES*** il-ġurnal tal-vjaġġ għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq tal-anqas ***jumejn, iżda mhux qabel 5 ijiem,*** qabel id-data tat-tluq ippjanata. Il-vjaġġ ***ma jistax jibda*** qabel ma l-awtorità kompetenti tkun approvat il-ġurnal tal-vjaġġ f'konformità mal-paragrafu 4.	2. ***2.*** Meta l-ġurnal tal-vjaġġ ***jew il-polza tal-vjeġġ ikunu relatati ma'*** vjaġġ twil ***jew*** qasir lejn pajjiż terz, l-organizzatur ***jista'*** jissottometti ***l-***ġurnal tal-vjaġġ ***jew il-polza tal-vjeġġ lil TRACES*** għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq tal-anqas ***36 siegħa*** qabel id-data tat-tluq ippjanata***, iżda mhux aktar minn sebat ijiem qabel dik id-data***. Il-vjaġġ ma jistax jibda qabel ma l-awtorità kompetenti tkun approvat il-ġurnal tal-vjaġġ ***jew il-polza tal-vjeġġ*** f'konformità mal-paragrafu 4. ***L-awtorità kompetenti trid tissottometti risposta fi żmien 12-il siegħa minn meta tirċievi t-talba tal-organizzatur għall-approvazzjoni.***

Or. en

Emenda 1098
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta l-ġurnal tal-vjaġġ ikun jikkonċerna vjaġġ twil ***jew vjaġġ qasir*** lejn pajjiż terz, l-organizzatur għandu jissottometti fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġ għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq tal-anqas ***jumejn***, iżda mhux qabel ***5*** ijiem, qabel id-data tat-tluq ippjanata. Il-vjaġġ ma jistax jibda qabel ma l-awtorità kompetenti tkun approvat il-ġurnal tal-vjaġġ f'konformità	2. Meta l-ġurnal tal-vjaġġ ikun jikkonċerna vjaġġ twil lejn pajjiż terz, l-organizzatur għandu jissottometti fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġ għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq tal-anqas ***36 siegħa***, iżda mhux qabel ***7*** ijiem, qabel id-data tat-tluq ippjanata. Il-vjaġġ ma jistax jibda qabel ma l-awtorità kompetenti tkun approvat il-ġurnal tal-vjaġġ f'konformità mal-

mal-paragrafu 4.	paragrafu 4. ***L-awtorità kompetenti għandha toħroġ ir-risposta tagħha għat-talba tal-organizzatur għall-approvazzjoni mill-aktar fis possibbli.***

Or. es

Ġustifikazzjoni

Iż-żminijiet previsti għall-ipproċessar huma stretti wisq.

Emenda 1099
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Gabriel Mato

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta l-ġurnal tal-vjaġġ ikun jikkonċerna ***vjaġġ*** twil jew vjaġġ qasir lejn pajjiż terz, l-organizzatur għandu jissottometti fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġ għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq tal-anqas jumejn***, iżda mhux qabel 5 ijiem,*** qabel id-data tat-tluq ippjanata. Il-vjaġġ ma jistax jibda qabel ma l-awtorità kompetenti tkun approvat il-ġurnal tal-vjaġġ f'konformità mal-paragrafu 4.	2. Meta l-ġurnal tal-vjaġġ ikun jikkonċerna vjaġġ twil jew qasir lejn pajjiż terz, l-organizzatur għandu jissottometti fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġ għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq tal-anqas jumejn qabel id-data tat-tluq ippjanata. Il-vjaġġ ma jistax jibda qabel ma l-awtorità kompetenti tkun approvat il-ġurnal tal-vjaġġ f'konformità mal-paragrafu 4. ***L-awtorità kompetenti għandha tissottometti risposta fi żmien 12-il siegħa wara li tirċievi t-talba għall-approvazzjoni mill-organizzatur.***

Or. en

Emenda 1100
Bert-Jan Ruissen, Emmanouil Fragkos

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta l-ġurnal tal-vjaġġ ikun	2. Meta l-ġurnal tal-vjaġġ ikun

jikkonċerna vjaġġ twil jew vjaġġ ***qasir*** lejn pajjiż terz, l-organizzatur għandu jissottometti fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġ għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq ***tal-anqas jumejn, iżda mhux qabel 5 ijiem, qabel id-data tat-tluq ippjanata***. Il-vjaġġ ma jistax jibda qabel ma l-awtorità kompetenti tkun approvat il-ġurnal tal-vjaġġ f'konformità mal-paragrafu 4.	jikkonċerna vjaġġ twil ***bejn l-Istati Membri*** jew ***vjaġġ*** lejn pajjiż terz, l-organizzatur għandu jissottometti fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġ għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq. Il-vjaġġ ma jistax jibda qabel ma l-awtorità kompetenti tkun approvat il-ġurnal tal-vjaġġ f'konformità mal-paragrafu 4. ***L-awtorità kompetenti għandha tissottometti risposta fit-12-il siegħa ta' wara li tirċievi t-talba għall-approvazzjoni mill-organizzatur***

Or. en

Emenda 1101
Marko Vešligaj

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta l-ġurnal tal-vjaġġ ikun jikkonċerna vjaġġ twil ***jew vjaġġ qasir*** lejn pajjiż terz, l-organizzatur għandu jissottometti fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġ għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq ***tal-anqas jumejn, iżda mhux qabel 5 ijiem, qabel id-data tat-tluq ippjanata***. Il-vjaġġ ma jistax jibda qabel ma l-awtorità kompetenti tkun approvat il-ġurnal tal-vjaġġ f'konformità mal-paragrafu 4.	2. Meta l-ġurnal tal-vjaġġ ikun jikkonċerna vjaġġ twil ***bejn l-Istati Membri u*** lejn pajjiż terz, l-organizzatur għandu jissottometti fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġ għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq. Il-vjaġġ ma jistax jibda qabel ma l-awtorità kompetenti tkun approvat il-ġurnal tal-vjaġġ f'konformità mal-paragrafu 4. ***L-awtorità kompetenti għandha tissottometti risposta fit-12-il siegħa ta' wara li tirċievi t-talba għall-approvazzjoni mill-organizzatur.***

Or. en

Emenda 1102
Emmanouil Fragkos

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta l-ġurnal tal-vjaġġ ikun jikkonċerna vjaġġ twil jew vjaġġ qasir lejn pajjiż terz, l-organizzatur għandu jissottometti fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġ għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq tal-anqas jumejn, iżda mhux qabel 5 ijiem, qabel id-data tat-tluq ippjanata. Il-vjaġġ ma jistax jibda qabel ma l-awtorità kompetenti tkun approvat il-ġurnal tal-vjaġġ f'konformità mal-paragrafu 4.	2. Meta l-ġurnal tal-vjaġġ ikun jikkonċerna vjaġġ twil jew vjaġġ qasir lejn pajjiż terz, l-organizzatur għandu jissottometti fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġ għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq tal-anqas jumejn, iżda mhux qabel 5 ijiem, qabel id-data tat-tluq ippjanata. Il-vjaġġ ma jistax jibda qabel ma l-awtorità kompetenti tkun approvat il-ġurnal tal-vjaġġ f'konformità mal-paragrafu 4. ***Dan l-Artikolu ma għandux japplika għal għasafar ta' ġurnata.***

Or. en

Emenda 1103
Julien Leonardelli, Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta l-ġurnal tal-vjaġġ ikun jikkonċerna vjaġġ twil ***jew vjaġġ qasir*** lejn pajjiż terz, l-organizzatur għandu jissottometti fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġ għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq ***tal-anqas jumejn, iżda mhux qabel 5 ijiem, qabel id-data tat-tluq ippjanata***. Il-vjaġġ ma jistax jibda qabel ma l-awtorità kompetenti tkun approvat il-ġurnal tal-vjaġġ f'konformità mal-paragrafu 4.	2. Meta l-ġurnal tal-vjaġġ ikun jikkonċerna vjaġġ twil ***bejn l-Istati Membri*** lejn pajjiż terz, l-organizzatur għandu jissottometti fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġ għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq. Il-vjaġġ ma jistax jibda qabel ma l-awtorità kompetenti tkun approvat il-ġurnal tal-vjaġġ f'konformità mal-paragrafu 4.

Or. fr

Emenda 1104
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta l-ġurnal tal-vjaġġ ikun jikkonċerna vjaġġ twil ***jew*** vjaġġ ***qasir*** lejn pajjiż terz, l-organizzatur għandu jissottometti fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġ għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq tal-anqas jumejn, iżda mhux qabel 5 ijiem, qabel id-data tat-tluq ippjanata. Il-vjaġġ ma jistax jibda qabel ma l-awtorità kompetenti tkun approvat il-ġurnal tal-vjaġġ f'konformità mal-paragrafu 4.	2. Meta l-ġurnal tal-vjaġġ ikun jikkonċerna vjaġġ twil ***bejn l-Istati Membri jew*** vjaġġ ***twil*** lejn pajjiż terz, l-organizzatur għandu jissottometti fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġ għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq tal-anqas jumejn, iżda mhux qabel 5 ijiem, qabel id-data tat-tluq ippjanata. Il-vjaġġ ma jistax jibda qabel ma l-awtorità kompetenti tkun approvat il-ġurnal tal-vjaġġ f'konformità mal-paragrafu 4.

Or. en

Emenda 1105
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta l-ġurnal tal-vjaġġ ikun jikkonċerna vjaġġ twil jew vjaġġ qasir lejn pajjiż terz, l-organizzatur għandu jissottometti fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġ għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq tal-anqas jumejn, iżda mhux qabel ***5*** ijiem, qabel id-data tat-tluq ippjanata. Il-vjaġġ ma jistax jibda qabel ma l-awtorità kompetenti tkun approvat il-ġurnal tal-vjaġġ f'konformità mal-paragrafu 4.	2. Meta l-ġurnal tal-vjaġġ ikun jikkonċerna vjaġġ twil jew vjaġġ qasir lejn pajjiż terz, l-organizzatur għandu jissottometti fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġ għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq tal-anqas jumejn, iżda mhux qabel ***4*** ijiem, qabel id-data tat-tluq ippjanata. Il-vjaġġ ma jistax jibda qabel ma l-awtorità kompetenti tkun approvat il-ġurnal tal-vjaġġ f'konformità mal-paragrafu 4.

Or. en

Emenda 1106
Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta l-ġurnal tal-vjaġġ ikun jikkonċerna ***vjaġġ*** twil ***jew*** vjaġġ ***qasir*** lejn pajjiż terz, l-organizzatur għandu jissottometti fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġ għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq tal-anqas jumejn, iżda mhux qabel 5 ijiem, qabel id-data tat-tluq ippjanata. Il-vjaġġ ma jistax jibda qabel ma l-awtorità kompetenti tkun approvat il-ġurnal tal-vjaġġ f'konformità mal-paragrafu 4.	2. Meta l-ġurnal tal-vjaġġ ikun jikkonċerna vjaġġ twil lejn pajjiż terz, l-organizzatur għandu jissottometti fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġ għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq tal-anqas jumejn, iżda mhux qabel 5 ijiem, qabel id-data tat-tluq ippjanata. Il-vjaġġ ma jistax jibda qabel ma l-awtorità kompetenti tkun approvat il-ġurnal tal-vjaġġ f'konformità mal-paragrafu 4.

Or. en

Emenda 1107
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Gabriel Mato

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-awtorità kompetenti għandha twieġeb fi żmien 24 siegħa minn meta tirċievi t-talba għall-approvazzjoni mill-organizzatur, jekk ikun hemm xi element li jipprevjeni l-approvazzjoni tal-ġurnal tal-vjaġġ f'konformità mal-paragrafu 4.

Or. en

Emenda 1108
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2 a. B'deroga, l-Artikolu preżenti ma għandux japplika għal għasafar tal-pollam ta' ġurnata.

Or. en

Emenda 1109
Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Il-ġurnal tal-vjaġġ għandu jinkludi konferma ta' riżerva f'post ta' kontroll meta, skont l-ippjanar tal-vjaġġ, il-ħin tal-vjaġġ x'aktarx jaqbeż il-21 siegħa***.	3. ***3. Fil-ftehimiet kummerċjali ma' pajjiżi terzi, se jsiru sforzi biex jiġu stabbiliti punti ta' waqfien uffiċjali għal meta jkun meħtieġ perjodu ta' mistrieħ bil-ħatt tal-annimali***.

Or. en

Emenda 1110
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Il-ġurnal tal-vjaġġ għandu jinkludi konferma ta' riżerva f'post ta' kontroll*** meta, skont l-ippjanar tal-vjaġġ, ***il-ħin*** tal-vjaġġ ***x'aktarx jaqbeż il-21 siegħa***.	3. Meta, skont l-ippjanar tal-vjaġġ, ***ikun meħtieġ perjodu ta' mistrieħ bil-ħatt tal-annimali, il-pajjiżi għandhom jaqblu dwar l-inklużjoni tar-riżerva f'post ta' kontroll fil-ġurnal*** tal-vjaġġ.

Or. en

Emenda 1111

Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-ġurnal tal-vjaġġ għandu jinkludi konferma ta' riżerva f'post ta' kontroll meta, skont l-ippjanar tal-vjaġġ***, il-ħin tal-vjaġġ x'aktarx jaqbeż il-21 siegħa***.	3. Il-ġurnal tal-vjaġġ għandu jinkludi konferma ta' riżerva f'post ta' kontroll meta, skont l-ippjanar tal-vjaġġ, ***ikun meħtieġ perjodu ta' mistrieħ bil-ħatt tal-annimali, ugħandu jagħti dettalji dwar l-infrastruttura tal-post ta' kontroll b'rabta mal-forniment ta' dell, ventilazzjoni, tisqija u mistrieħ għat-tip speċifiku ta' annimal***.

Or. el

Emenda 1112
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-ġurnal tal-vjaġġ għandu jinkludi konferma ta' riżerva f'post ta' kontroll meta, skont l-ippjanar tal-vjaġġ, ***il-ħin tal-vjaġġ x'aktarx jaqbeż il-21 siegħa***.	3. Il-ġurnal tal-vjaġġ għandu jinkludi konferma ta' riżerva f'post ta' kontroll meta, skont l-ippjanar tal-vjaġġ, ***perjodu ta' mistrieħ irid jiġi ppjanat bil-ħatt tal-annimali***.

Or. fr

Emenda 1113
Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-ġurnal tal-vjaġġ għandu jinkludi konferma ta' riżerva f'post ta' kontroll	3. Il-ġurnal tal-vjaġġ għandu jinkludi konferma ta' riżerva f'post ta' kontroll

meta, skont l-ippjanar tal-vjaġġ, il-ħin tal-vjaġġ x'aktarx jaqbeż ***il-21*** siegħa.	meta, skont l-ippjanar tal-vjaġġ, il-ħin tal-vjaġġ x'aktarx jaqbeż ***is-36*** siegħa.

Or. ro

Emenda 1114
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-ġurnal tal-vjaġġ għandu jinkludi konferma ta' riżerva f'post ta' kontroll meta, skont l-ippjanar tal-vjaġġ, il-ħin tal-vjaġġ x'aktarx jaqbeż ***il-21*** siegħa.	3. Il-ġurnal tal-vjaġġ għandu jinkludi konferma ta' riżerva f'post ta' kontroll meta, skont l-ippjanar tal-vjaġġ, il-ħin tal-vjaġġ x'aktarx jaqbeż ***id-29*** siegħa.

Or. en

Emenda 1115
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Krzysztof Hetman, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-ġurnal tal-vjaġġ għandu jinkludi konferma ta' riżerva f'post ta' kontroll meta, skont l-ippjanar tal-vjaġġ, il-ħin tal-vjaġġ x'aktarx jaqbeż ***il-21*** siegħa.	3. Il-ġurnal tal-vjaġġ għandu jinkludi konferma ta' riżerva f'post ta' kontroll meta, skont l-ippjanar tal-vjaġġ, il-ħin tal-vjaġġ x'aktarx jaqbeż ***id-29*** siegħa.

Or. en

Emenda 1116
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-ġurnal tal-vjaġġ għandu jinkludi konferma ta' riżerva f'post ta' kontroll meta, skont l-ippjanar tal-vjaġġ, il-ħin tal-vjaġġ x'aktarx jaqbeż ***il-21*** siegħa.	3. Il-ġurnal tal-vjaġġ għandu jinkludi konferma ta' riżerva f'post ta' kontroll meta, skont l-ippjanar tal-vjaġġ, il-ħin tal-vjaġġ x'aktarx jaqbeż ***id-9 sigħat***.

Or. en

Emenda 1117
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-ġurnal tal-vjaġġ għandu jinkludi konferma ta' riżerva f'post ta' kontroll meta, skont l-ippjanar tal-vjaġġ, il-ħin tal-vjaġġ x'aktarx jaqbeż ***il-21*** siegħa.	3. Il-ġurnal tal-vjaġġ għandu jinkludi konferma ta' riżerva f'post ta' kontroll meta, skont l-ippjanar tal-vjaġġ, il-ħin tal-vjaġġ x'aktarx jaqbeż ***it-8 sigħat***.

Or. en

Emenda 1118
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-ġurnal tal-vjaġġ ikun realistiku u jindika konformità ma' dan ir-Regolament;	(a) il-ġurnal tal-vjaġġ ikun realistiku u jindika konformità ma' dan ir-Regolament***, b'kont meħud tal-kundizzjonijiet meteoroloġiċi mistennija għat-tul kollu tal-vjaġġ***;

Or. en

Emenda 1119
Maria Noichl, Marianne Vind

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-ġurnal tal-vjaġġ ***ikun*** realistiku u jindika konformità ma' dan ir-Regolament;	(a) il-ġurnal tal-vjaġġ ***u l-pjanijiet ta' kontinġenza mit-trasportaturi jkunu realistiċi*** u ***jindikaw*** konformità ma' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 1120
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-trasportaturi indikati fil-ġurnal tal-vjaġġ ikollhom l-awtorizzazzjonijiet validi korrispondenti tat-trasportatur, iċ-ċertifikati validi ta' approvazzjoni għall-mezzi tat-trasport u ċ-ċertifikati validi tal-kompetenza għas-sewwieqa u għall-attendenti**.**	(b) it-trasportaturi indikati fil-ġurnal tal-vjaġġ ikollhom l-awtorizzazzjonijiet validi korrispondenti tat-trasportatur, iċ-ċertifikati validi ta' approvazzjoni għall-mezzi tat-trasport u ċ-ċertifikati validi tal-kompetenza għas-sewwieqa u għall-attendenti ***u għall-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali;***

Or. en

Emenda 1121
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-trasportaturi indikati fil-ġurnal tal-vjaġġ ikollhom l-awtorizzazzjonijiet validi korrispondenti tat-trasportatur, iċ-	(b) it-trasportaturi indikati fil-ġurnal tal-vjaġġ ikollhom l-awtorizzazzjonijiet validi korrispondenti tat-trasportatur, iċ-

ċertifikati validi ta' approvazzjoni għall-mezzi tat-trasport u ċ-ċertifikati validi tal-kompetenza għas-sewwieqa u ***għall-attendenti***.	ċertifikati validi ta' approvazzjoni għall-mezzi tat-trasport u ċ-ċertifikati validi tal-kompetenza għas-sewwieqa u ***għat-tekniċi kwalifikati tal-annimali***.

Or. en

Emenda 1122
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 4 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b a) il-pjan ta' kontinġenza bid-dispożizzjonijiet għall-mitigazzjoni ta' sitwazzjonijiet mhux previsti u ta' emerġenza, inkluża l-linja ta' kmand u s-soluzzjonijiet fir-rigward tal-ħarba tal-annimali, l-akkomodazzjoni ta' emerġenza tal-annimali, id-dettalji ta' kuntatt tal-għarfien espert xieraq disponibbli tul ir-rotta.

Or. en

Emenda 1123
Maria Noichl, Marianne Vind

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 4 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b a) f'każ ta' vjaġġar bil-baħar, jekk il-previżjonijiet tat-temperatura għas-96 siegħa li jmiss fuq it-taqsima bil-baħar tal-vjaġġ ikunu sa limiti raġonevoli.

Or. en

Emenda 1124

Julien Leonardelli, Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 4 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ba) L-awtorità kompetenti jeħtiġilha tirrispondi fi żmien 12-il siegħa minn meta tirċievi t-talba għall-approvazzjoni mill-organizzatur.

Or. fr

Emenda 1125
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Jekk il-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafu 4 ma jiġux issodisfati, l-awtorità kompetenti għandha titlob lill-organizzatur ibiddel l-arranġamenti għall-vjaġġ maħsub sabiex jikkonforma ma' dan ir-Regolament.	5. Jekk il-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafu 4 ma jiġux issodisfati, l-awtorità kompetenti għandha titlob lill-organizzatur ibiddel l-arranġamenti għall-vjaġġ maħsub ***qabel ma jibda l-vjaġġ,*** sabiex jikkonforma ma' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1126
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-ġurnali tal-vjaġġ għal vjaġġi twal u għal vjaġġi qosra lejn pajjiżi terzi jinżammu fi TRACES għal perjodu massimu ta' ***6*** snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-	6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-ġurnali tal-vjaġġ ***għall-***vjaġġi twal u ***għall-***vjaġġi qosra ***kollha*** lejn pajjiżi terzi jinżammu fi TRACES ***u jkunu pubblikament disponibbli*** għal perjodu massimu ta' ***10***

Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.	snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.

Or. en

Emenda 1127
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-ġurnali tal-vjaġġ għal vjaġġi twal u għal vjaġġi ***qosra*** lejn pajjiżi terzi jinżammu fi TRACES għal perjodu massimu ta' 6 snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.	6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-ġurnali tal-vjaġġ għal vjaġġi twal ***bejn l-Istati Membri*** u għal vjaġġi ***twal*** lejn pajjiżi terzi jinżammu fi TRACES għal perjodu massimu ta' 6 snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.

Or. en

Emenda 1128
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-ġurnali tal-vjaġġ għal vjaġġi twal u għal vjaġġi ***qosra*** lejn pajjiżi terzi jinżammu fi TRACES għal perjodu massimu ta' 6 snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.	6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-ġurnali tal-vjaġġ għal vjaġġi twal ***bejn l-Istati Membri*** u għal vjaġġi lejn pajjiżi terzi jinżammu fi TRACES għal perjodu massimu ta' 6 snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.

Or. en

Emenda 1129
Julien Leonardelli, Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-ġurnali tal-vjaġġ għal vjaġġi twal u ***għal vjaġġi qosra*** lejn pajjiżi terzi jinżammu fi TRACES għal perjodu massimu ta' 6 snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.	6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-ġurnali tal-vjaġġ għal vjaġġi twal ***bejn l-Istati Membri*** u lejn pajjiżi terzi jinżammu fi TRACES għal perjodu massimu ta' 6 snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Dan ir-rekwiżit ma huwiex inkluż fir-Regolament 1/2005 jew fir-Regolament 2017/625 u se jżid il-burokrazija.

Emenda 1130
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-ġurnali tal-vjaġġ għal vjaġġi twal u għal ***vjaġġi qosra*** lejn pajjiżi terzi jinżammu fi TRACES għal perjodu massimu ta' 6 snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.	6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-ġurnali tal-vjaġġ għal vjaġġi twal ***bejn l-Istati Membri*** u għal vjaġġi qosra lejn pajjiżi terzi jinżammu fi TRACES għal perjodu massimu ta' 6 snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.

Or. el

Emenda 1131

Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-ġurnali tal-vjaġġ għal ***vjaġġi*** twal u għal vjaġġi qosra lejn pajjiżi terzi jinżammu ***fi TRACES*** għal perjodu massimu ta' 6 snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.	6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-ġurnali tal-vjaġġ għal vjaġġi twal u qosra lejn pajjiżi terzi jinżammu għal perjodu massimu ta' 6 snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.

Or. en

Emenda 1132
Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-ġurnali tal-vjaġġ għal vjaġġi twal u għal vjaġġi qosra lejn pajjiżi terzi jinżammu ***fi TRACES*** għal perjodu massimu ta' 6 snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.	6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-ġurnali tal-vjaġġ għal vjaġġi twal u għal vjaġġi qosra lejn pajjiżi terzi jinżammu għal perjodu massimu ta' 6 snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.

Or. en

Emenda 1133
Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal regolament
Artikolu 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 16	***imħassar***
Ġurnal tal-vjaġġi għal vjaġġi qosra fl-Unjoni	
1. Għal vjaġġi qosra fl-Unjoni, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness III.	
2. Il-ġurnali tal-vjaġġi għal vjaġġi qosra fl-Unjoni għandhom jinżammu fi TRACES għal perjodu ta' 6 snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.	

Or. en

Emenda 1134
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 16	***imħassar***
Ġurnal tal-vjaġġi għal vjaġġi qosra fl-Unjoni	
1. Għal vjaġġi qosra fl-Unjoni, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness III.	
2. Il-ġurnali tal-vjaġġi għal vjaġġi qosra fl-Unjoni għandhom jinżammu fi TRACES għal perjodu ta' 6 snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.	

Or. en

Emenda 1135
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ġurnal tal-vjaġġi għal vjaġġi qosra ***fl-Unjoni***	***Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali*** għal vjaġġi qosra ***bejn l-Istati Membri u lejn pajjiżi terzi***

Or. en

Emenda 1136
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Pekka Toveri, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ġurnal tal-vjaġġi għal vjaġġi qosra ***fl-Unjoni***	Ġurnal tal-vjaġġi għal vjaġġi ***twal u*** qosra ***bejn l-Istati Membri***

Or. en

Emenda 1137
Veronika Vrecionová, Emmanouil Fragkos

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ġurnal tal-vjaġġi għal vjaġġi qosra ***fl-Unjoni***	Ġurnal tal-vjaġġi għal vjaġġi qosra ***bejn l-Istati Membri***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-introduzzjoni ta' proċeduri ta' approvazzjoni għall-ġurnali tal-vjaġġi fil-każ ta' vjaġġi qosra tidher li tirrappreżenta sfida amministrattiva konsiderevoli għall-awtoritajiet kompetenti, speċjalment minħabba li bħalissa ma hija meħtieġa l-ebda approvazzjoni bħal din.

Emenda 1138
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ġurnal tal-vjaġġi għal vjaġġi ***qosra fl-Unjoni***	Ġurnal tal-vjaġġi għal vjaġġi ***twal bejn l-Istati Membri***

Or. en

Emenda 1139
Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għal vjaġġi qosra fl-Unjoni, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness III.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1140
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Emma Wiesner, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għal vjaġġi qosra ***fl-Unjoni***, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES ***il-ġurnal tal-vjaġġi*** kif stabbilit ***fil-punt 2 tal-Anness III.***	1. Għal vjaġġi qosra ***bejn l-Istati Membri u lejn pajjiżi terzi,*** l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES ***iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali*** kif stabbilit ***fir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali (il-"Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali")***

Or. en

Ġustifikazzjoni

The animal health certificate is already mandatory to transport animals between Member States under the Animal Health Law and requires information related to the operators, transporters, means of transport, type and numbers of animals transported, place of departure and place of destination. In addition, the animal health certificate has to be uploaded in TRACES. The simplified journey log proposed by the Commission is requiring the same information. To avoid double reporting and increase the administrative burden, we suggest replacing the requirement to fulfil a simplified journey log as proposed by the Commission by providing a valid animal health certificate.

Emenda 1141
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għal vjaġġi ***qosra*** fl-Unjoni, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness III.	1. Għal vjaġġi ***bejn l-Istati Membri***, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness III. ***il-ġurnal għandu jinkludi valutazzjoni qasira tal-idoneità tal-annimali għat-trasport, b'referenza għal kontroll veterinarju reċenti jew osservazzjoni rreġistrata mill-persunal awtorizzat***.

Or. el

Emenda 1142
Stefan Köhler, Jens Gieseke, Lena Düpont, Marion Walsmann, Christine Schneider, Norbert Lins, Alexandra Mehnert

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Għal vjaġġi qosra fl-Unjoni, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness III.	(1) Għal vjaġġi qosra fl-Unjoni, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness III. ***Dan ma jgħoddx għal vjaġġi qosra, fejn il-bdiewa u l-pixxikulturi jittrasportaw l-annimali tagħhom stess esklużivament fit-territorju tal-Istat Membru tagħhom.***

Or. de

Emenda 1143
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Għal vjaġġi qosra fl-Unjoni, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness III.	(1) Għal vjaġġi qosra fl-Unjoni, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness III. ***Dan ma jgħoddx għal vjaġġi qosra, fejn il-bdiewa u l-pixxikulturi jittrasportaw l-annimali tagħhom stess esklużivament fit-territorju tal-Istat Membru tagħhom.***

Or. de

Emenda 1144
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għal vjaġġi qosra fl-Unjoni, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness III.	1. Għal vjaġġi qosra fl-Unjoni, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness III***, għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq tal-anqas jumejn, iżda mhux qabel 4 ijiem, qabel id-data tat-tluq ippjanata***.

Or. en

Emenda 1145
Maria Noichl, Marianne Vind

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għal vjaġġi qosra fl-Unjoni, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness III.	1. Għal vjaġġi qosra fl-Unjoni, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness III***, għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq mhux aktar tard minn jumejn u mhux qabel 5 ijiem qabel id-data tat-tluq ippjanata***.

Or. en

Emenda 1146
Christine Singer, Jan-Christoph Oetjen, Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għal vjaġġi qosra fl-Unjoni, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness III.	1. Għal vjaġġi qosra fl-Unjoni, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness III. ***Eżenti minn dan hemm vjaġġi qosra fejn il-bdiewa u s-***

sajjieda jittrasportaw l-annimali tagħhom stess biss fit-territorju tal-Istat Membru tagħhom stess.

Or. en

Emenda 1147
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għal vjaġġi ***qosra*** fl-Unjoni, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness III.	1. Għal vjaġġi fl-Unjoni ***li jinkludu ċ-ċaqliq ta' annimali minn Stat Membru għall-ieħor***, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness III.

Or. es

Ġustifikazzjoni

L-applikazzjoni ta' TRACES għandha tkun limitata għall-vjaġġi bejn pajjiżi tal-UE.

Emenda 1148
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għal vjaġġi ***qosra fl-Unjoni***, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt ***2*** tal-Anness III.	1. Għal vjaġġi ***twal bejn l-Istati Membri***, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt ***1*** tal-Anness III.

Or. en

Emenda 1149
Veronika Vrecionová, Emmanouil Fragkos

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għal vjaġġi qosra ***fl-Unjoni***, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness III.	1. Għal vjaġġi qosra ***bejn l-Istati Membri***, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness III.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-introduzzjoni ta' proċeduri ta' approvazzjoni għall-ġurnali tal-vjaġġi fil-każ ta' vjaġġi qosra tidher li tirrappreżenta sfida amministrattiva konsiderevoli għall-awtoritajiet kompetenti, speċjalment minħabba li bħalissa ma hija meħtieġa l-ebda approvazzjoni bħal din.

Emenda 1150
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għal vjaġġi qosra ***fl-Unjoni***, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness III.	1. Għal vjaġġi qosra ***bejn l-Istati Membri***, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt ***2*** tal-Anness III.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It is overly bureaucratic to enter every short-distance transport into the TRACES system digitally, especially within the same member state. Not all farmers have digital skills, and the current TRACES system is too complex and would need to be simplified. A practical solution for carrying the logbook, independent of the TRACES system, is to be provided. Established livestock movement certificates, which already cover the content of the transport documents, are currently in use. Currently, for transports between member states, the official veterinarian is required to create and process the transport in the TRACES system anyway (including short distances). In the interest of reducing bureaucracy, the established system of animal

transport documents should be retained.

Emenda 1151
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għal vjaġġi ***qosra fl-Unjoni***, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt ***2*** tal-Anness III.	1. Għal vjaġġi ***twal bejn l-Istati Membri***, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt ***1*** tal-Anness III.

Or. en

Emenda 1152
Pekka Toveri

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għal vjaġġi ***qosra fl-Unjoni***, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness III.	1. ***1.*** Għal vjaġġi ***bejn l-Istati Membri***, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness III.

Or. en

Emenda 1153
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għal vjaġġi ***qosra fl-Unjoni***, l-organizzaturi għandhom jimlew fi	1. Għal vjaġġi ***bejn l-Istati Membri***, l-organizzaturi għandhom jimlew fi

TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness III.	TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness III.

Or. en

Emenda 1154
Waldemar Buda, Anna Zalewska, Kosma Złotowski, Beata Szydło

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għal vjaġġi ***qosra fl-Unjoni***, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness III.	1. Għal vjaġġi ***transfruntiera***, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness III.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-użu obbligatorju tas-sistema ta' reġistrazzjoni elettronika TRACES u r-rekwiżiti kollha tagħha anke għal vjaġġi domestiċi qosra f'dan l-istadju jidher li huwa piż amministrattiv sproporzjonat, speċjalment għall-operaturi lokali żgħar. Il-biċċa l-kbira tal-biċċeriji diġà għandhom sistemi diġitali fis-seħħ li jintużaw għar-reġistrazzjoni tal-vjaġġi, u kollha jkollhom jikkomunikaw direttament ma' TRACES biex jagħmlu dan ix-xogħol. Nissuġġerixxu li jekk TRACES għandha tintuża għar-reġistrazzjoni tal-vjaġġi, din għandha tkun obbligatorja biss għat-trasport transfruntiera, skont ir-regoli tal-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali.

Emenda 1155
Merja Kyllönen

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1
2023/0448(COD)
Artikolu 16 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għal vjaġġi ***qosra fl-Unjoni***, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness III.	1. Għal vjaġġi ***bejn l-Istati Membri***, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness III.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni tal-vjaġġi kollha fi TRACES tkun żieda bla bżonn fil-burokrazija mingħajr ebda impatt fuq il-benesseri tal-annimali. L-għadd ta' utenti u vjaġġi ġodda fis-sistema TRACES ikun enormi. Il-biċċa l-kbira tal-biċċeriji diġà għandhom sistemi diġitali fis-seħħ li jintużaw għar-reġistrazzjoni tal-vjaġġi, u kollha jkollhom jikkomunikaw direttament ma' TRACES biex jagħmlu dan ix-xogħol. Dan ikun estremament kumpless u għali għall-partijiet kollha involuti.

Emenda 1156
Julien Leonardelli, Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Għal vjaġġi qosra fl-Unjoni***, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness III.	1. ***Għall-movimenti bejn l-Istati Membri***, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness III.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Dan ir-rekwiżit ma huwiex inkluż fir-Regolament 1/2005 jew fir-Regolament 2017/625 u se jżid il-burokrazija.

Emenda 1157
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1 a. L-awtorità kompetenti għandha tapprova l-ġurnal tal-vjaġġ fi TRACES dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:
	(a) il-ġurnal tal-vjaġġ ikun realistiku u jindika konformità ma' dan ir-Regolament, b'kont meħud tal-

kundizzjonijiet meteoroloġiċi mistennija;

(b) it-trasportaturi indikati fil-ġurnal tal-vjaġġ ikollhom l-awtorizzazzjonijiet validi korrispondenti tat-trasportatur, iċ-ċertifikati validi ta' approvazzjoni għall-mezzi tat-trasport u ċ-ċertifikati validi tal-kompetenza għas-sewwieqa u għall-attendenti.

Or. en

Emenda 1158
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1 a. Għal vjaġġi qosra fl-istess Stat Membru, l-organizzaturi għandhom jimlew il-ġurnal tal-vjaġġ fi TRACES jew billi jużaw formola stampata li tinkludi l-punti rilevanti kollha kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness III.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-organizzaturi ta' vjaġġi qosra fi Stat Membru ma għandhomx ikunu meħtieġa jimlew il-ġurnal tal-vjaġġ fi TRACES, peress li dan jimponi burokrazija bla bżonn. Barra minn hekk, xi bdiewa f'żoni remoti jista' ma jkollhomx aċċess għal servizzi diġitali, li jagħmel il-proċess saħansitra aktar ta' piż. Għal dawn il-vjaġġi, id-dokumenti regolari tat-trasport huma suffiċjenti, ma hemmx bżonn li tiżdied il-kumplessità amministrattiva.

Emenda 1159
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Herbert Dorfmann, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1 a. Għal vjaġġi qosra bejn l-Istati Membri, l-organizzaturi għandhom jimlew fi TRACES il-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness III.

Or. en

Emenda 1160
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1 b. Jekk il-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafu 1a (ġdid) ma jiġux issodisfati, l-awtorità kompetenti għandha titlob lill-organizzatur ibiddel l-arranġamenti għall-vjaġġ maħsub qabel ma jibda l-vjaġġ, sabiex jikkonforma ma' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1161
Julien Leonardelli, Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-ġurnali tal-vjaġġi għal vjaġġi qosra fl-Unjoni għandhom jinżammu fi TRACES għal perjodu ta' 6 snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.	***imħassar***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Dan ir-rekwiżit ma huwiex inkluż fir-Regolament 1/2005 jew fir-Regolament 2017/625 u se

jżid il-burokrazija.

Emenda 1162
Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-ġurnali tal-vjaġġi għal vjaġġi qosra fl-Unjoni għandhom jinżammu fi TRACES għal perjodu ta' 6 snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1163
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-ġurnali tal-vjaġġi għal vjaġġi qosra fl-Unjoni għandhom jinżammu fi TRACES għal perjodu ta' 6 snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.	2. Il-ġurnali tal-vjaġġi għal vjaġġi qosra fl-Unjoni għandhom jinżammu fi TRACES ***jew iridu jkunu disponibbli f'forma stampata fil-farm*** għal perjodu ta' 6 snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għal vjaġġi qosra fl-istess Stat Membru, id-dokumenti tat-trasport f'forma stampata għandhom ikunu suffiċjenti.

Emenda 1164
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-ġurnali tal-vjaġġi għal vjaġġi qosra fl-Unjoni għandhom jinżammu fi TRACES għal perjodu ta' ***6*** snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.	2. Il-ġurnali tal-vjaġġi għal vjaġġi qosra fl-Unjoni għandhom jinżammu fi TRACES ***u jkunu pubblikament disponibbli*** għal perjodu ta' ***10*** snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.

Or. en

Emenda 1165
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Il-ġurnali tal-vjaġġi*** għal vjaġġi qosra ***fl-Unjoni*** għandhom jinżammu fi TRACES għal perjodu ta' 6 snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.	2. ***Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali*** għal vjaġġi qosra ***bejn l-Istati Membri*** għandhom jinżammu fi TRACES għal perjodu ta' 6 snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.

Or. en

Emenda 1166
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Sophia Kircher, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

2. Il-ġurnali tal-vjaġġi għal vjaġġi qosra ***fl-Unjoni*** għandhom jinżammu fi TRACES għal perjodu ta' 6 snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.	2. Il-ġurnali tal-vjaġġi għal vjaġġi ***twal u*** qosra ***bejn l-Istati Membri*** għandhom jinżammu fi TRACES għal perjodu ta' 6 snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.

Or. en

Emenda 1167
Merja Kyllönen

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2
2023/0448(COM)
Artikolu 16 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-ġurnali tal-vjaġġi għal vjaġġi ***qosra fl-Unjoni*** għandhom jinżammu fi TRACES għal perjodu ta' 6 snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.	2. Il-ġurnali tal-vjaġġi għal vjaġġi ***bejn l-Istati Membri*** għandhom jinżammu fi TRACES għal perjodu ta' 6 snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.

Or. en

Emenda 1168
Veronika Vrecionová, Emmanouil Fragkos

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-ġurnali tal-vjaġġi għal vjaġġi qosra ***fl-Unjoni*** għandhom jinżammu fi TRACES għal perjodu ta' 6 snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.	2. Il-ġurnali tal-vjaġġi għal vjaġġi qosra ***bejn l-Istati Membri*** għandhom jinżammu fi TRACES għal perjodu ta' 6 snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-introduzzjoni ta' proċeduri ta' approvazzjoni għall-ġurnali tal-vjaġġi fil-każ ta' vjaġġi qosra tidher li tirrappreżenta sfida amministrattiva konsiderevoli għall-awtoritajiet kompetenti, speċjalment minħabba li bħalissa ma hija meħtieġa l-ebda approvazzjoni bħal din.

Emenda 1169
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-ġurnali tal-vjaġġi għal vjaġġi ***qosra fl-Unjoni*** għandhom jinżammu fi TRACES għal perjodu ta' 6 snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.	2. Il-ġurnali tal-vjaġġi għal vjaġġi ***bejn l-Istati Membri*** għandhom jinżammu fi TRACES għal perjodu ta' 6 snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.

Or. en

Emenda 1170
Pekka Toveri

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-ġurnali tal-vjaġġi għal vjaġġi ***qosra fl-Unjoni*** għandhom jinżammu fi TRACES għal perjodu ta' 6 snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.	2. Il-ġurnali tal-vjaġġi għal vjaġġi ***bejn l-Istati Membri*** għandhom jinżammu fi TRACES għal perjodu ta' 6 snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.

Or. en

Emenda 1171
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato,

Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-ġurnali tal-vjaġġi għal vjaġġi ***qosra fl-Unjoni*** għandhom jinżammu ***fi TRACES*** għal perjodu ta' 6 snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.	2. Il-ġurnali tal-vjaġġi għal vjaġġi ***twal bejn l-Istati Membri*** għandhom jinżammu għal perjodu ta' 6 snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.

Or. en

Emenda 1172
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-ġurnali tal-vjaġġi għal vjaġġi qosra fl-Unjoni għandhom jinżammu fi TRACES għal perjodu ta' ***6*** snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.	2. Il-ġurnali tal-vjaġġi għal vjaġġi qosra fl-Unjoni għandhom jinżammu fi TRACES għal perjodu ta' ***4*** snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.

Or. es

Emenda 1173
Waldemar Buda, Anna Zalewska, Kosma Złotowski, Beata Szydło

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-ġurnali tal-vjaġġi għal vjaġġi ***qosra fl-Unjoni*** għandhom jinżammu fi TRACES għal perjodu ta' 6 snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità	2. Il-ġurnali tal-vjaġġi għal vjaġġi ***transfruntiera*** għandhom jinżammu fi TRACES għal perjodu ta' 6 snin għal kontrolli uffiċjali sussegwenti f'konformità

mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.	mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/625.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-użu obbligatorju tas-sistema ta' reġistrazzjoni elettronika TRACES u r-rekwiżiti kollha tagħha anke għal vjaġġi domestiċi qosra f'dan l-istadju jidher li huwa piż amministrattiv sproporzjonat, speċjalment għall-operaturi lokali żgħar. Il-biċċa l-kbira tal-biċċeriji diġà għandhom sistemi diġitali fis-seħħ li jintużaw għar-reġistrazzjoni tal-vjaġġi, u kollha jkollhom jikkomunikaw direttament ma' TRACES biex jagħmlu dan ix-xogħol. Nissuġġerixxu li jekk TRACES għandha tintuża għar-reġistrazzjoni tal-vjaġġi, din għandha tkun obbligatorja biss għat-trasport transfruntiera, skont ir-regoli tal-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali.

Emenda 1174
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2 a. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għat-trasport ta' klieb u qtates fl-Unjoni Ewropea.

Or. en

Emenda 1175
Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-paragrafi (1) u (2) japplikaw biss għat-trasport transfruntier.

Or. ro

Emenda 1176
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Obbligi għall-indokraturi qabel il-vjaġġ	Obbligi għall-indokraturi ***tal-annimali*** qabel il-vjaġġ

Or. en

Emenda 1177
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Obbligi għall-indokraturi qabel il-vjaġġ	Obbligi għall-indokraturi ***tal-annimali*** qabel il-vjaġġ

Or. en

Emenda 1178
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-indokraturi fil-post tat-tluq għandhom ikunu responsabbli sabiex jiżguraw li l-annimali li għandhom jitgħabbew fuq il-mezz tat-trasport ikunu idonei għat-trasport.	***Handlers imħarrġa jew kwalifikati jew veterinarji uffiċjali għandhom ikunu preżenti matul il-vjaġġ kollu u*** fil-post tat-tluq għandhom ikunu responsabbli sabiex jiżguraw li l-annimali li għandhom jitgħabbew fuq il-mezz tat-trasport ikunu idonei għat-trasport ***u jkunu ġew***

ipprovduti għalf u ilma, kif xieraq, qabel it-tagħbija.

Or. en

Emenda 1179
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-indokraturi fil-post tat-tluq għandhom ikunu responsabbli sabiex jiżguraw li l-annimali li għandhom jitgħabbew fuq il-mezz tat-trasport ikunu idonei għat-trasport.	L-indokraturi fil-post tat-tluq għandhom ikunu responsabbli sabiex jiżguraw li l-annimali li għandhom jitgħabbew fuq il-mezz tat-trasport***, f'konformità mal-Kapitolu I tal-Anness I***.

Or. en

Emenda 1180
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Herbert Dorfmann, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-indokraturi fil-post tat-tluq għandhom ikunu responsabbli sabiex jiżguraw li l-annimali ***li għandhom*** jitgħabbew ***fuq*** il-mezz tat-trasport ikunu idonei ***għat-trasport***.	L-indokraturi fil-post tat-tluq għandhom ikunu responsabbli sabiex jiżguraw li l-annimali ***ma jitgħabbewx għal*** fuq il-mezz tat-trasport ***sakemm ma jkunux*** idonei ***għall-vjaġġ previst***.

Or. en

Emenda 1181
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen,

Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-indokraturi fil-post tat-tluq għandhom ikunu responsabbli sabiex jiżguraw li l-annimali li għandhom jitgħabbew fuq il-mezz tat-trasport ikunu idonei għat-trasport.	L-indokraturi ***tal-annimali*** fil-post tat-tluq għandhom ikunu responsabbli sabiex jiżguraw li l-annimali li għandhom jitgħabbew fuq il-mezz tat-trasport ikunu idonei għat-trasport.

Or. en

Emenda 1182
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-indokraturi fil-post tat-tluq għandhom ikunu responsabbli sabiex jiżguraw li l-annimali ***li għandhom*** jitgħabbew ***fuq il-mezz tat-trasport*** ikunu idonei ***għat-trasport***.	L-indokraturi ***tal-annimali*** fil-post tat-tluq għandhom ikunu responsabbli sabiex jiżguraw li l-annimali ***ma jitgħabbewx sakemm ma jkunux*** idonei ***għall-vjaġġ maħsub***.

Or. en

Emenda 1183
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-indokraturi fil-post tat-tluq għandhom ikunu responsabbli sabiex jiżguraw li l-annimali ***li għandhom*** jitgħabbew fuq il-	L-indokraturi fil-post tat-tluq għandhom ikunu responsabbli sabiex jiżguraw li l-annimali ***idonei għat-trasport biss***

mezz tat-trasport ***ikunu idonei għat-trasport***.	jitgħabbew fuq il-mezz tat-trasport.

Or. fr

Emenda 1184
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-annimali tqal, l-indokratur fil-post tat-tluq għandu jindika fil-ġurnal tal-vjaġġi d-data tal-inseminazzjoni jew id-data preżunta tas-servizz naturali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1185
Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-annimali tqal, l-indokratur fil-post tat-tluq għandu jindika fil-ġurnal tal-vjaġġi d-data tal-inseminazzjoni jew id-data preżunta tas-servizz naturali.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Insemination Date Estimation Requirement – Practical Concerns: Requiring farmers to estimate the date of insemination or natural service is unreliable in many systems, particularly where natural service is used. These estimates are often just best guesses and may lead to unnecessary veterinary certification, adding cost and complexity without improving animal welfare. The existing 'Fit to Travel' requirements are already sufficient to assess the welfare of pregnant animals. By the Driver or Technician Insemination Date Estimation Requirement – Practical Concerns Requiring farmers to estimate the date of

insemination or natural service is unreliable in many systems, particularly where natural service is used. These estimates are often just best guesses and may lead to unnecessary veterinary certification, adding cost and complexity without improving animal welfare. The existing 'Fit to Travel' requirements are already sufficient to assess the welfare of pregnant animals. Mis-Sewwieq jew mit-Tekniku

Emenda 1186
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-annimali tqal, l-indokratur fil-post tat-tluq għandu jindika fil-ġurnal tal-vjaġġi d-data tal-inseminazzjoni jew id-data preżunta tas-servizz naturali.	Għall-annimali tqal, l-indokratur fil-post tat-tluq għandu jindika fil-ġurnal tal-vjaġġi d-data tal-inseminazzjoni jew id-data preżunta tas-servizz naturali. ***Dokument iffirmat mill-indokratur għandu jiċċertifika li l-annimali mgħobbija huma idonei għat-trasport. Fil-każ tat-trasport ta' annimali bi kwalunkwe tip ta' patoloġija, dan għandu jiġi inkluż fid-dokument.***

Or. en

Emenda 1187
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-annimali tqal, l-indokratur fil-post tat-tluq għandu jindika fil-ġurnal tal-vjaġġi d-data tal-inseminazzjoni jew id-data preżunta tas-servizz naturali.	Għall-annimali tqal, l-indokratur fil-post tat-tluq għandu jindika fil-ġurnal tal-vjaġġi d-data tal-inseminazzjoni jew id-data preżunta tas-servizz naturali ***u, f'każ ta' inċertezza, għandu jkun ipprojbit li jitgħabbew jekk ikun hemm il-possibbiltà li jistgħu jwelldu matul il-vjaġġ***.

Or. el

Emenda 1188
Stefan Köhler, Jens Gieseke, Lena Düpont, Marion Walsmann, Christine Schneider, Norbert Lins, Alexandra Mehnert

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-annimali tqal, l-indokratur fil-post tat-tluq għandu jindika fil-ġurnal tal-vjaġġi d-data tal-inseminazzjoni jew id-data preżunta tas-servizz naturali.	Għall-annimali tqal, l-indokratur fil-post tat-tluq għandu jindika fil-ġurnal tal-vjaġġi d-data tal-inseminazzjoni jew id-data preżunta tas-servizz naturali ***għall-annimali li jkunu fl-aħħar trimestru tat-tqala***.

Or. de

Emenda 1189
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-annimali tqal, l-indokratur fil-post tat-tluq għandu jindika fil-ġurnal tal-vjaġġi d-data tal-inseminazzjoni jew id-data preżunta tas-servizz naturali.	Għall-annimali tqal, l-indokratur fil-post tat-tluq għandu jindika fil-ġurnal tal-vjaġġi d-data tal-inseminazzjoni jew id-data preżunta tas-servizz naturali ***għall-annimali li jkunu fl-aħħar trimestru tat-tqala***.

Or. de

Emenda 1190
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-annimali tqal, l-indokratur fil-post tat-tluq għandu jindika fil-ġurnal tal-vjaġġi d-data tal-inseminazzjoni jew id-data preżunta tas-servizz naturali.	Għall-annimali tqal, l-indokratur ***tal-annimali*** fil-post tat-tluq għandu jindika fil-ġurnal tal-vjaġġi ***l-aħħar*** data tal-inseminazzjoni jew id-data preżunta tas-servizz naturali.

Or. en

Emenda 1191
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-indokratur fil-post tat-tluq u s-sewwieq jew l-attendent għandhom jirreġistraw fi TRACES id-data u l-ħin tat-tluq tal-annimali kif ukoll il-kundizzjoni tagħhom, billi jimlew u jiffirmaw it-taqsima 2 tal-ġurnal tal-vjaġġ, li l-mudell tagħha jinsab fl-Anness III, il-punt 1.

Or. fr

Emenda 1192
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Herbert Dorfmann, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Ċertifikat dwar is-saħħa tal-annimali għandu jiċċertifika li l-annimali mgħobbija huma idonei għat-trasport. Fil-każ tat-trasport ta' annimali bi kwalunkwe tip ta' patoloġija, dan għandu jiġi inkluż fid-dokument.

Or. en

Emenda 1193
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Dokument iffirmat mill-indokratur tal-annimali għandu jiċċertifika li l-annimali mgħobbija huma idonei għat-trasport. Fil-każ tat-trasport ta' annimali bi kwalunkwe tip ta' patoloġija, dan għandu jiġi inkluż fid-dokument.

Or. en

Emenda 1194
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-annimali tqal għandhom jitqiesu bħala mhux idonei għat-trasport meta jkunu għaddew 40 % jew aktar tal-perjodu mistenni ta' ġestazzjoni.

Or. en

Emenda 1195
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn veterinarju.		***imħassar***

Or. es

Ġustifikazzjoni

Il-proposta li veterinarju liċenzjat ikun preżenti meta jitgħabbew l-annimali ma hijiex fattibbli mil-lat uman, loġistiku u ekonomiku.

Emenda 1196
Carlo Fidanza, Sergio Berlato, Nicola Procaccini, Francesco Ventola

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn veterinarju.	***imħassar***

Or. it

Emenda 1197
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn veterinarju.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1198
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn veterinarju.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1199
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn veterinarju.	***imħassar***

Or. el

Emenda 1200
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn veterinarju.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1201
Christine Singer, Jan-Christoph Oetjen, Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn veterinarju.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1202
Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn veterinarju.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1203
Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn veterinarju.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1204
Stanislav Stoyanov

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn veterinarju.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżit ta' preżenza veterinarja f'kull tagħbija, joħloq piż finanzjarju u ekonomiku impossibbli għall-Istati Membri li jkollhom nuqqasijiet severi ta' dawn il-professjonisti.

Emenda 1205
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn veterinarju.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhuwiex realistiku li jkun meħtieġ li jkun preżenti veterinarju f'kull tagħbija. Dan ir-rekwiżit jidher partikolarment eċċessiv meta jkun qed jitgħabba biss numru żgħir ta' annimali. Il-monitoraġġ fuq il-post jista' jitwettaq mill-korp uffiċjali kompetenti fuq bażi aleatorja, inkella dan ir-Regolament ma jkunx fattibbli bin-numru dejjem jonqos ta' veterinarji fl-Unjoni Ewropea.

Emenda 1206
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sophia Kircher, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Isabel Benjumea Benjumea, Daniel Buda, Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn veterinarju.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1207
Jessica Polfjärd, Tomas Tobé

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn veterinarju.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1208
Stefan Köhler, Jens Gieseke, Lena Düpont, Marion Walsmann, Christine Schneider, Norbert Lins, Alexandra Mehnert

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn veterinarju.	***imħassar***

Or. de

Emenda 1209
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tagħbija tal-annimali ***fuq*** il-mezzi tat-trasport ***għandha*** tiġi ssorveljata minn veterinarju.	2. It-tagħbija tal-annimali ***fil-***mezzi tat-trasport ***għal trasporti ta' vjaġġi twal u esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi*** għandha tiġi ssorveljata minn veterinarju ***uffiċjali jew awtorizzat u ċċertifikata permezz ta' dokument iffirmat mill-indokratur li l-annimali mgħobbija huma idonei għat-trasport. Fil-każ tat-trasport ta' annimali bi kwalunkwe tip ta' patoloġija, dan għandu jiġi inkluż fid-dokument u l-veterinarju għandu jkun responsabbli għalih.***

Or. en

Emenda 1210
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Salvatore De Meo, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Sophia Kircher, Herbert Dorfmann, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Krzysztof Hetman, Dan-Ştefan Motreanu, Pekka Toveri

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn ***veterinarju***.	2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport ***fl-ewwel punt tat-tluq*** għandha tiġi ssorveljata minn ***persuna kompetenti li jkollha ċertifikat ta' kompetenza f'konformità mal-Artikolu 38***.

Or. en

Emenda 1211
Philippe Olivier, Valérie Deloge, Julien Leonardelli, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata ***minn***	2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata ***mis-***

veterinarju.	***sewwieq jew mill-attendent li jkollu ċertifikat ta' kompetenza f'konformità mal-Artikolu 38***.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Ma huwiex realistiku li tkun meħtieġa l-preżenza ta' veterinarju meta jitgħabbew l-annimali. Huwa aktar xieraq li dan il-kompitu jiġi fdat lil professjonisti ċertifikati biex jakkumpanjaw lill-annimali waqt it-trasport.

Emenda 1212
Adrian-George Axinia

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn ***veterinarju***.	2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn ***persuna maħtura mill-awtorità kompetenti, kif indikat fl-Artikolu 38 ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 1213
Veronika Vrecionová

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn ***veterinarju***.	2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn ***persuna li jkollha ċertifikat ta' kompetenza msemmi fl-Artikolu 38***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-abbozz ta' Regolament jinkludi dispożizzjonijiet, bħall-preżenza obbligatorja ta' veterinarju waqt l-ikklerjar tal-kunsinna, li huma probabbli li jespandu l-obbligi tax-xogħol ta' billejl. Fil-kuntest ta' nuqqas mifrux ta' forza tax-xogħol veterinarja fil-livell tal-UE, dan jista' jippreżenta sfidi konsiderevoli ta' riżorsi umani u finanzjarji għall-awtoritajiet kompetenti.

Emenda 1214
Pekka Toveri

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn ***veterinarju***.	2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata ***mill-awtoritajiet lokali skont pjan ta' kontroll u ċ-ċirkostanzi lokali***.

Or. en

Emenda 1215
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn veterinarju.	2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn veterinarju ***uffiċjali, indipendenti mit-trasportatur***.

Or. en

Emenda 1216
Merja Kyllönen

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2
2023/0448(COD)
Artikolu 17 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn*** veterinarju.	2. Veterinarju ***jeħtieġ li jkollu aċċess minn qabel għad-data dwar it-trasport ippjanat tal-annimali għal skopijiet ta' sorveljanza u spezzjonijiet aleatorji***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma hemmx biżżejjed veterinarji anke sabiex jipprovdu kura veterinarja f'żoni remoti tal-biedja, jew wieħed li jista' jkun preżenti kull darba li l-annimali jitgħabbew fuq vettura jew jinħattu. Għalhekk il-produtturi u t-trasportaturi jistgħu u huma kapaċi jgħabbu u

jħottu l-annimali bl-istess standard għoli. Is-sorveljanza uffiċjali tat-tagħbija u l-ħatt tal-annimali għandha ssir abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju, skont pjan ta' kontroll mill-awtoritajiet kompetenti lokali, aġġustat għaċ-ċirkostanzi lokali.

Din il-ġustifikazzjoni u l-emenda japplikaw ukoll għall-emendi għall-Artikoli 25, il-punti 2 u 3.

Emenda 1217
Emma Wiesner

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn ***veterinarju***.	2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn ***tekniku tal-annimali kwalifikat u ċċertifikat***.

Or. en

Emenda 1218
Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn ***veterinarju***.	2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn ***tekniku kwalifikat tal-annimali jew mis-sewwieq***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżit li veterinarju jissorvelja t-tagħbija ma huwiex prattikabbli minħabba n-nuqqas ta' kapaċità veterinarja fl-Irlanda u madwar l-UE. L-allevaturi mħarrġa huma kompletament kapaċi jiżguraw il-benesseri tal-annimali waqt it-tagħbija u l-ħatt. Din l-emenda tiżgura l-prattiċità mingħajr ma tikkompromietti l-istandards tal-benesseri.

Emenda 1219
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Emma Wiesner, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn ***veterinarju***.	2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn ***tekniku kwalifikat tal-annimali***.

Or. en

Emenda 1220
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha ***tiġi ssorveljata minn veterinarju***.	2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha ***titwettaq taħt superviżjoni veterinarja***.

Or. en

Emenda 1221
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn veterinarju.	2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn ***veterinarju uffiċjali jew minn handler imħarreġ jew kwalifikat.***
	Fil-każijiet kollha, veterinarju ***jeħtieġ li jkollu aċċess minn qabel għad-data dwar it-trasport ippjanat tal-annimali għal skopijiet ta' sorveljanza u spezzjonijiet aleatorji***.
	Dokument iffirmat mill-indokratur għandu jiċċertifika li l-annimali mgħobbija huma idonei għat-trasport. Fil-każ tat-trasport ta' annimali bi kwalunkwe tip ta' patoloġija, dan għandu jiġi inkluż fid-dokument.
	It-tagħbija tal-annimali fil-mezzi tat-trasport għal trasporti ta' vjaġġi twal u esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi għandha tiġi ssorveljata minn veterinarju u tiġi ċċertifikata permezz ta' dokument iffirmat mill-indokratur li l-annimali mgħobbija huma idonei għat-trasport. Fil-każ tat-trasport ta' annimali bi kwalunkwe tip ta' patoloġija, dan għandu jiġi inkluż fid-dokument u l-veterinarju għandu jkun responsabbli għalih.

Or. en

Emenda 1222
Waldemar Buda, Anna Zalewska, Kosma Złotowski, Beata Szydło

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***It-tagħbija tal-annimali fuq il-***	2. ***Il-***veterinarju ***jrid ikollu aċċess***

mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn veterinarju.	***minn qabel għad-data relatata mal-vjaġġ ippjanat tal-annimali għal skopijiet ta' sorveljanza u spezzjonijiet aleatorji***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'ħafna Stati Membri ma hemmx biżżejjed veterinarji anke biex jipprovdu kura veterinarja f'żoni remoti tal-biedja, u ċertament mhux biżżejjed li wieħed jista' jkun preżenti kull darba li l-annimali jitgħabbew fuq vettura. Dan ma huwiex meħtieġ ukoll peress li l-produtturi u t-trasportaturi huma kapaċi jgħabbu u jħottu l-annimali bl-istess standard għoli. Għalhekk, is-sorveljanza uffiċjali tat-tagħbija tal-annimali għandha ssir abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju, skont pjan ta' kontroll mill-awtoritajiet kompetenti lokali, aġġustat għaċ-ċirkostanzi lokali.

Emenda 1223
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn veterinarju.	(2) It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn veterinarju ***uffiċjali matul vjaġġi twal transfruntiera***.

Or. de

Emenda 1224
Stefan Köhler, Jens Gieseke, Lena Düpont, Marion Walsmann, Christine Schneider, Norbert Lins, Alexandra Mehnert

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn veterinarju.	(2) It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn veterinarju ***uffiċjali matul vjaġġi twal transfruntiera***.

Or. de

Emenda 1225
Stefano Bonaccini, Dario Nardella, Matteo Ricci

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn veterinarju.	2. ***Meta jkun possibbli,*** it-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn veterinarju.

Or. it

Emenda 1226
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport għandha tiġi ssorveljata minn veterinarju.	2. It-tagħbija tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport ***għal vjaġġi twal*** għandha tiġi ssorveljata minn veterinarju.

Or. en

Emenda 1227
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***2 a. Jekk il-persuna responsabbli għas-sorveljanza tat-tagħbija tal-annimali tistabbilixxi li annimal wieħed jew aktar ma jkunux idonei għat-trasport, dawn l-annimali ma għandhomx jiġu mċaqilqa mill-post tat-tluq u għandhom jirċievu kura xierqa. Il-ġurnal tal-vjaġġ għandu jiġi aġġornat kif xieraq biex jirrifletti**

kwalunkwe emenda meħtieġa.

Or. en

Emenda 1228
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trasportatur għandu jittrasporta l-annimali f'konformità ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari mar-regoli rilevanti għall-ispeċijiet ittrasportati stabbiliti fl-Anness I għall-annimali terrestri u fl-Anness II għall-annimali akkwatiċi, sal-wasla fil-post tad-destinazzjoni fl-Unjoni jew f'pajjiż terz.	1. It-trasportatur għandu jittrasporta l-annimali f'konformità ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari mar-regoli rilevanti għall-ispeċijiet ittrasportati stabbiliti fl-Anness I għall-annimali terrestri u fl-Anness II għall-annimali akkwatiċi, sal-wasla fil-post tad-destinazzjoni fl-Unjoni jew f'pajjiż terz***, jew fil-post tad-destinazzjoni tat-taqsima jew tat-taqsimiet tal-vjaġġ imwettqa minn dak it-trasportatur***.

Or. en

Emenda 1229
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sophia Kircher, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trasportatur għandu jittrasporta l-annimali f'konformità ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari mar-regoli rilevanti għall-ispeċijiet ittrasportati stabbiliti fl-Anness I għall-annimali terrestri u fl-Anness II għall-annimali akkwatiċi, sal-wasla fil-post tad-destinazzjoni fl-Unjoni jew f'pajjiż terz.	1. It-trasportatur għandu jittrasporta l-annimali f'konformità ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari mar-regoli rilevanti għall-ispeċijiet ittrasportati stabbiliti fl-Anness I għall-annimali terrestri u fl-Anness II għall-annimali akkwatiċi, sal-wasla fil-post tad-destinazzjoni fl-Unjoni jew f'pajjiż terz ***tas-segment jew tas-segmenti tat-trasport***

imwettqa minn dak it-trasportatur.

Or. en

Emenda 1230
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trasportatur għandu jittrasporta l-annimali f'konformità ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari mar-regoli rilevanti għall-ispeċijiet ittrasportati stabbiliti fl-Anness I għall-annimali terrestri u fl-Anness II għall-annimali akkwatiċi, sal-wasla fil-post tad-destinazzjoni fl-Unjoni jew f'pajjiż terz.	1. It-trasportatur għandu jittrasporta l-annimali f'konformità ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari mar-regoli rilevanti għall-ispeċijiet ittrasportati stabbiliti fl-Anness I għall-annimali terrestri u fl-Anness II għall-annimali akkwatiċi, sal-wasla fil-post tad-destinazzjoni fl-Unjoni jew f'pajjiż terz ***tat-taqsima jew tat-taqsimiet tal-vjaġġ imwettqa minn dak it-trasportatur***.

Or. en

Emenda 1231
Sander Smit, Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trasportatur għandu jittrasporta l-annimali f'konformità ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari mar-regoli rilevanti għall-ispeċijiet ittrasportati stabbiliti fl-Anness I għall-annimali terrestri ***u fl-Anness II għall-annimali akkwatiċi,*** sal-wasla fil-post tad-destinazzjoni fl-Unjoni jew f'pajjiż terz.	1. It-trasportatur għandu jittrasporta l-annimali f'konformità ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari mar-regoli rilevanti għall-ispeċijiet ittrasportati stabbiliti fl-Anness I għall-annimali terrestri sal-wasla fil-post tad-destinazzjoni fl-Unjoni jew f'pajjiż terz.

Or. en

Emenda 1232
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trasportatur għandu jittrasporta l-annimali f'konformità ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari mar-regoli rilevanti għall-ispeċijiet ittrasportati stabbiliti fl-Anness I għall-annimali terrestri ***u fl-Anness II għall-annimali akkwatiċi,*** sal-wasla fil-post tad-destinazzjoni fl-Unjoni jew f'pajjiż terz.	1. It-trasportatur għandu jittrasporta l-annimali f'konformità ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari mar-regoli rilevanti għall-ispeċijiet ittrasportati stabbiliti fl-Anness I għall-annimali terrestri sal-wasla fil-post tad-destinazzjoni fl-Unjoni jew f'pajjiż terz.

Or. en

Emenda 1233
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sophia Kircher, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-trasportatur għandu jkun responsabbli ***għall-idoneità għat-trasport tal-***annimali ***mit-***tagħbija ***tal-annimali fil-post tat-tluq sal-ħatt tal-annimali fil-post tad-destinazzjoni***.	2. It-trasportatur ***ma għandux ikun*** responsabbli għall-annimali ***li ma jkunux idonei minħabba patoloġiji pre-eżistenti qabel*** it-tagħbija. ***Madankollu, jekk ma jkun hemm preżenti l-ebda attendent, it-trasportatur jassumi r-responsabbiltà***.

Or. en

Emenda 1234
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-trasportatur għandu jkun responsabbli ***għall-idoneità għat-trasport*** tal-annimali ***mit-tagħbija tal-annimali fil-post tat-tluq sal-ħatt tal-annimali fil-post tad-destinazzjoni***.	2. ***Fi tmiem it-tagħbija, it-trasportatur għandu jistabbilixxi mal-indokratur fi TRACES formola li tiċċertifika s-saħħa tal-annimali u l-idoneità tagħhom għall-ivvjaġġar.*** It-trasportatur għandu jkun responsabbli ***għas-sewqan tagħhom u għall-benesseri*** tal-annimali ***waqt il-vjaġġ fir-rigward tal-ħtiġijiet għall-ilma, l-ikel u l-mistrieħ***.

Or. fr

Emenda 1235
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-trasportatur għandu jkun responsabbli għall-***idoneità għat-trasport*** tal-annimali mit-tagħbija ***tal-annimali*** fil-post tat-tluq ***sal-***ħatt ***tal-annimali*** fil-post tad-destinazzjoni.	2. It-trasportatur għandu jkun responsabbli għall-***benesseri*** tal-annimali ***matul il-vjaġġ*** mit-tagħbija ***għal fuq il-mezzi tat-trasport*** fil-post tat-tluq sal-ħatt fil-post tad-destinazzjoni ***fl-Unjoni jew f'pajjiż terz. Madankollu, it-trasportatur ma għandux ikun responsabbli għall-benesseri tal-annimali matul il-ħin li jqattgħu f'post ta' kontroll, f'ċentru ta' assemblaġġ jew f'faċilità ta' mmaniġġar f'port jew f'ajruport, wara l-ħatt u qabel it-tagħbija mill-ġdid tal-annimali f'dawk il-postijiet. It-trasportatur għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura l-konformità u jipprevjeni s-seħħ mill-ġdid ta' nuqqasijiet ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti mill-persuni li jimmaniġġaw l-annimali f'isimhom. Meta t-trasport jitwettaq minn aktar minn trasportatur wieħed, kull trasportatur għandu jkun responsabbli għall-parti tal-vjaġġ li għaliha jintuża l-mezz tat-trasport tiegħu.***

Or. en

Emenda 1236
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***It-trasportatur*** għandu jkun responsabbli għall-idoneità għat-trasport tal-annimali mit-tagħbija tal-annimali fil-post tat-tluq sal-ħatt tal-annimali fil-post tad-destinazzjoni.	2. ***Is-sewwieq jew l-attendent*** għandu jkun responsabbli għall-idoneità għat-trasport tal-annimali mit-tagħbija tal-annimali fil-post tat-tluq sal-ħatt tal-annimali fil-post tad-destinazzjoni ***u għandu jiddokumenta dik l-idoneità f'kontrolli interim kull 4,5 sigħat, b'mod partikolari fi vjaġġi twal***.

Or. el

Emenda 1237
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-trasportatur għandu jkun responsabbli għall-idoneità għat-trasport tal-annimali mit-tagħbija tal-annimali fil-post tat-tluq sal-ħatt tal-annimali fil-post tad-destinazzjoni.	2. It-trasportatur għandu jkun responsabbli għall-idoneità għat-trasport tal-annimali ***mill-bidu tat-***tagħbija tal-annimali fil-post tat-tluq sal-ħatt tal-annimali fil-post tad-destinazzjoni ***billi jkunu ġew aċċettati mid-destinatarju, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni CMR***.

Or. en

Emenda 1238
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Biex jiġi żgurat tqassim konsistenti, proporzjonat u razzjonali tar-responsabbiltajiet bejn il-kategoriji differenti ta' operaturi fil-katina tat-trasport, bħall-indokraturi tal-annimali, il-maniġers tal-annimali, it-trasportaturi u l-organizzaturi, hija meħtieġa definizzjoni ġdida tat-terminu "indokratur tal-annimali".

Emenda 1304
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Obbligi għall-indokraturi f'ċentri ta' assemblaġġ, f'postijiet ta' kontroll u f'postijiet ta' destinazzjoni	Obbligi għall-indokraturi ***tal-annimali*** f'ċentri ta' assemblaġġ, f'postijiet ta' kontroll u f'postijiet ta' destinazzjoni

Or. en

Emenda 1305
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Obbligi għall-indokraturi f'ċentri ta' assemblaġġ, f'postijiet ta' kontroll u f'postijiet ta' destinazzjoni	Obbligi għall-indokraturi ***tal-annimali*** f'ċentri ta' assemblaġġ, f'postijiet ta' kontroll u f'postijiet ta' destinazzjoni

Or. en

Emenda 1306
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-indokraturi tal-annimali miżmumin f'ċentri ta' assemblaġġ,	1. L-indokraturi ***tal-annimali*** tal-annimali miżmumin f'ċentri ta'

f'postijiet ta' kontroll u f'postijiet ta' destinazzjoni għandhom jiżguraw il-konformità mar-regoli tekniċi stabbiliti fil-Punti 1 sa 3 tal-Kapitolu I tal-Anness I u fil-Punt 4 tal-Anness II meta applikabbli.	assemblaġġ, f'postijiet ta' kontroll u f'postijiet ta' destinazzjoni għandhom jiżguraw il-konformità mar-regoli tekniċi stabbiliti fil-Punti 1 sa 3 tal-Kapitolu I tal-Anness I u fil-Punt 4 tal-Anness II meta applikabbli.

Or. en

Emenda 1307
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-indokraturi tal-annimali miżmumin f'ċentri ta' assemblaġġ, f'postijiet ta' kontroll u f'postijiet ta' destinazzjoni għandhom jiżguraw il-konformità mar-regoli tekniċi stabbiliti fil-Punti 1 sa 3 tal-Kapitolu I tal-Anness I u fil-Punt 4 tal-Anness II meta applikabbli.	1. L-indokraturi ***tal-annimali*** tal-annimali miżmumin f'ċentri ta' assemblaġġ, f'postijiet ta' kontroll u f'postijiet ta' destinazzjoni għandhom jiżguraw il-konformità mar-regoli tekniċi stabbiliti fil-Punti 1 sa 3 tal-Kapitolu I tal-Anness I u fil-Punt 4 tal-Anness II meta applikabbli.

Or. en

Emenda 1308
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-indokraturi tal-annimali miżmumin f'ċentri ta' assemblaġġ, f'postijiet ta' kontroll u f'postijiet ta' destinazzjoni għandhom jiżguraw il-konformità mar-regoli tekniċi stabbiliti fil-Punti 1 sa 3 tal-Kapitolu I tal-Anness I u fil-Punt 4 tal-Anness II ***meta applikabbli***.	1. L-indokraturi tal-annimali miżmumin f'ċentri ta' assemblaġġ, f'postijiet ta' kontroll u f'postijiet ta' destinazzjoni għandhom jiżguraw il-konformità mar-regoli tekniċi stabbiliti fil-Punti 1 sa 3 tal-Kapitolu I tal-Anness I u fil-Punt 4 tal-Anness II.

Or. en

Emenda 1309
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1 a. L-indokraturi tal-annimali miżmuma f'ċentri tal-assemblaġġ għandhom jipprovdu lill-annimali b'ilma u għalf adegwati fil-kwalità, il-kwantità u l-frekwenza xierqa, b'kont meħud tal-ispeċi u t-tip ta' annimal ikkonċernat.

Or. en

Emenda 1310
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-indokraturi fiċ-ċentri ta' assemblaġġ jew fil-postijiet ta' kontroll għandhom jirreġistraw il-kundizzjoni li fiha jkunu waslu l-annimali u għandhom jimlew u jiffirmaw fi TRACES it-taqsima 3 tal-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 1 tal-Anness III.	2. L-indokraturi fiċ-ċentri ta' assemblaġġ jew fil-postijiet ta' kontroll għandhom jirreġistraw il-kundizzjoni li fiha jkunu waslu l-annimali u għandhom jimlew u jiffirmaw fi TRACES it-taqsima 3 tal-ġurnal tal-vjaġġi , ***sakemm it-trasport ikun bejn diversi pajjiżi,*** kif stabbilit fil-punt 1 tal-Anness III.

Or. es

Emenda 1311
Julien Leonardelli, Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-indokraturi fiċ-ċentri ta' assemblaġġ jew fil-postijiet ta' kontroll għandhom jirreġistraw il-kundizzjoni li fiha jkunu waslu l-annimali u għandhom jimlew u jiffirmaw fi TRACES it-taqsima 3 tal-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 1 tal-Anness III.	2. L-indokraturi ***tal-annimali*** fiċ-ċentri ta' assemblaġġ jew fil-postijiet ta' kontroll għandhom jirreġistraw il-kundizzjoni li fiha jkunu waslu l-annimali u għandhom jimlew u jiffirmaw fi TRACES it-taqsima 3 tal-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 1 tal-Anness III.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Biex jiġi żgurat tqassim konsistenti, proporzjonat u razzjonali tar-responsabbiltajiet bejn il-kategoriji differenti ta' operaturi fil-katina tat-trasport, bħall-indokraturi tal-annimali, il-maniġers tal-annimali, it-trasportaturi u l-organizzaturi, hija meħtieġa definizzjoni ġdida tat-terminu "indokratur tal-annimali".

Emenda 1312
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-indokraturi fiċ-ċentri ta' assemblaġġ jew fil-postijiet ta' kontroll għandhom jirreġistraw il-kundizzjoni li fiha jkunu waslu l-annimali u għandhom jimlew u jiffirmaw fi TRACES it-taqsima 3 tal-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 1 tal-Anness III.	2. L-indokraturi ***tal-annimali*** fiċ-ċentri ta' assemblaġġ jew fil-postijiet ta' kontroll għandhom jirreġistraw il-kundizzjoni li fiha jkunu waslu l-annimali u għandhom jimlew u jiffirmaw fi TRACES it-taqsima 3 tal-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 1 tal-Anness III.

Or. en

Emenda 1313
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-indokraturi fiċ-ċentri ta' assemblaġġ jew fil-postijiet ta' kontroll għandhom jirreġistraw il-kundizzjoni li fiha jkunu waslu l-annimali u għandhom jimlew u jiffirmaw fi TRACES it-taqsima 3 tal-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 1 tal-Anness III.	2. L-indokraturi ***tal-annimali*** fiċ-ċentri ta' assemblaġġ jew fil-postijiet ta' kontroll għandhom jirreġistraw il-kundizzjoni li fiha jkunu waslu l-annimali u għandhom jimlew u jiffirmaw fi TRACES it-taqsima 3 tal-ġurnal tal-vjaġġi kif stabbilit fil-punt 1 tal-Anness III.

Or. en

Emenda 1314
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 21	***imħassar***
Uffiċjal għall-benesseri tal-annimali fuq bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem	
1. Għal vjaġġ minn bastiment għall-ġarr tal-bhejjem, it-trasportatur għandu jiddeżinja uffiċjal għall-benesseri tal-annimali li jkun imħarreġ u li jkollu ċertifikat ta' kompetenza f'konformità mal-Artikolu 38.	
2. L-uffiċjal għall-benesseri tal-annimali għandu jirrapporta għand it-trasportatur u jopera taħt l-awtorità diretta tiegħu u għandu jirrapporta direttament għandu u għand l-organizzatur dwar kwistjonijiet relatati mal-benesseri tal-annimali.	
3. L-uffiċjal għall-benesseri tal-annimali għandu jkun responsabbli għal dawn:	
a) l-indukrar tal-annimali u l-verifika tagħhom tal-anqas darbtejn kuljum sabiex jivvaluta l-benesseri u l-idoneità tagħhom għat-trasport, u jieħu miżura xierqa sabiex iżomm il-benesseri tagħhom;	

b) in-notifika lill-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq u lill-organizzatur f'konformità mal-proċeduri definiti fil-pjan ta' kontinġenza msemmi fl-Artikolu 8, il-punt (3)(b)(iii), dwar kwalunkwe avveniment serju li jista' jaffettwa b'mod negattiv il-benesseri tal-annimali;

c) l-iżgurar tal-konformità mar-Regolament Nru 1099/2009, meta l-annimali jinqatlu matul il-vjaġġ fuq il-baħar sabiex tintemm it-tbatija tagħhom.

4. L-organizzatur għandu jinforma lill-kaptan tal-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem bir-responsabbiltajiet tal-uffiċjal tat-trasport għall-benesseri tal-annimali stabbiliti fil-paragrafu 3.

Or. fr

Emenda 1315
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Uffiċjal għall-benesseri tal-annimali fuq bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem	Uffiċjal għall-benesseri tal-annimali fuq bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem***, bastimenti tal-kontejners u bastimenti ro-ro***

Or. en

Emenda 1316
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Uffiċjal għall-benesseri tal-annimali fuq	***Veterinarju uffiċjali*** fuq bastimenti għall-

bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem	ġarr tal-bhejjem ***u fuq bastimenti ro-ro***

Or. en

Emenda 1317
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għal vjaġġ minn bastiment għall-ġarr tal-bhejjem, ***it-trasportatur*** għandu jiddeżinja uffiċjal għall-benesseri tal-annimali li jkun imħarreġ u li jkollu ċertifikat ta' kompetenza f'konformità mal-Artikolu 38.	1. Għal vjaġġ minn bastiment għall-ġarr tal-bhejjem, ***bastiment tal-kontejners jew bastiment ro-ro, l-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq għandha tiddeżinja*** uffiċjal għall-benesseri tal-annimali li jkun imħarreġ u li jkollu ċertifikat ta' kompetenza f'konformità mal-Artikolu 38.

Or. en

Emenda 1318
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għal vjaġġ minn bastiment għall-ġarr tal-bhejjem, it-trasportatur għandu jiddeżinja uffiċjal għall-benesseri tal-annimali li jkun imħarreġ u li jkollu ċertifikat ta' kompetenza f'konformità mal-Artikolu 38.	1. Għal vjaġġ minn bastiment għall-ġarr tal-bhejjem, it-trasportatur għandu jiddeżinja uffiċjal għall-benesseri tal-annimali ***minn fost il-persunal dežinjat jew il-persuni diġà involuti fil-kura tal-annimali,*** li jkun imħarreġ u li jkollu ċertifikat ta' kompetenza f'konformità mal-Artikolu 38.

Or. en

Emenda 1319
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għal vjaġġ minn bastiment għall-ġarr tal-bhejjem, ***it-trasportatur għandu jiddeżinja uffiċjal għall-benesseri tal-annimali*** li jkun imħarreġ u li jkollu ċertifikat ta' kompetenza f'konformità mal-Artikolu 38.	1. Għal vjaġġ minn bastiment għall-ġarr tal-bhejjem ***u bastiment ro-ro, l-awtorità kompetenti għandha tiddeżinja veterinarju uffiċjali indipendenti mit-trasportatur,*** li jkun imħarreġ u li jkollu ċertifikat ta' kompetenza f'konformità mal-Artikolu 38.

Or. en

Emenda 1320
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għal vjaġġ minn bastiment għall-ġarr tal-bhejjem, it-trasportatur għandu jiddeżinja uffiċjal għall-benesseri tal-annimali li jkun imħarreġ u li jkollu ċertifikat ta' kompetenza f'konformità mal-Artikolu 38.	1. Għal vjaġġ minn bastiment għall-ġarr tal-bhejjem, it-trasportatur għandu jiddeżinja uffiċjal għall-benesseri tal-annimali li ***jista' jkun wieħed jew aktar mill-ekwipaġġ tal-bastiment, ikun*** imħarreġ u jkollu ċertifikat ta' kompetenza f'konformità mal-Artikolu 38.

Or. en

Emenda 1321
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***L-uffiċjal għall-benesseri tal-annimali*** għandu jirrapporta għand ***it-trasportatur*** u jopera taħt l-awtorità diretta ***tiegħu*** u għandu jirrapporta direttament ***għandu u għand*** l-organizzatur dwar kwistjonijiet relatati mal-benesseri tal-annimali.	2. ***Il-veterinarju uffiċjali*** għandu jirrapporta għand ***l-awtorità kompetenti*** u jopera taħt l-awtorità diretta ***tagħha*** u għandu jirrapporta direttament ***lilha, lill-*** organizzatur ***u lit-trasportatur*** dwar kwistjonijiet relatati mal-benesseri tal-annimali.

Or. en

Emenda 1322
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-uffiċjal għall-benesseri tal-annimali għandu jirrapporta għand it-trasportatur u jopera taħt l-awtorità diretta tiegħu u għandu jirrapporta direttament għandu u għand l-organizzatur dwar kwistjonijiet relatati mal-benesseri tal-annimali.	2. L-uffiċjal għall-benesseri tal-annimali għandu jirrapporta għand it-trasportatur u jopera taħt l-awtorità diretta tiegħu u għandu jirrapporta direttament għandu u għand l-organizzatur dwar kwistjonijiet relatati mal-benesseri tal-annimali***, ħlief għal kwistjonijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 21.3(b-ba) fejn ir-rappurtar isir direttament lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru esportatur, mingħajr ma jgħaddi mit-trasportatur.***

Or. en

Emenda 1323
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-uffiċjal għall-benesseri tal-annimali għandu jirrapporta għand ***it-***	2. L-uffiċjal għall-benesseri tal-annimali għandu jirrapporta għand ***l-***

trasportatur u jopera taħt l-awtorità diretta ***tiegħu*** u għandu jirrapporta ***direttament għandu u għand*** l-organizzatur dwar kwistjonijiet relatati mal-benesseri tal-annimali.

awtorità kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 u jopera taħt l-awtorità diretta tagħha ***dwar kwistjonijiet ta' benesseri tal-annimali*** u għandu jirrapporta ***wkoll*** għand l-Oganizzatur ***u għand it-Trasportatur*** dwar kwistjonijiet relatati mal-benesseri tal-annimali.

Or. en

Emenda 1324
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-uffiċjal għall-benesseri tal-annimali għandu jirrapporta għand it-trasportatur u jopera taħt l-awtorità diretta tiegħu u għandu jirrapporta direttament għandu u għand l-organizzatur dwar kwistjonijiet relatati mal-benesseri tal-annimali.	2. L-uffiċjal għall-benesseri tal-annimali għandu jirrapporta għand it-trasportatur u jopera taħt l-awtorità diretta tiegħu u għandu jirrapporta direttament għandu u għand l-organizzatur dwar kwistjonijiet relatati mal-benesseri tal-annimali***, jekk ikun meħtieġ***.

Or. en

Emenda 1325
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-uffiċjal għall-benesseri tal-annimali għandu jirrapporta għand it-trasportatur u jopera taħt l-awtorità diretta tiegħu u għandu jirrapporta direttament għandu u għand l-organizzatur dwar	2. L-uffiċjal għall-benesseri tal-annimali għandu jirrapporta għand it-trasportatur u jopera taħt l-awtorità diretta tiegħu u***, jekk ikun meħtieġ,*** għandu jirrapporta direttament għandu u għand l-

kwistjonijiet relatati mal-benesseri tal-annimali.	organizzatur dwar kwistjonijiet relatati mal-benesseri tal-annimali.

Or. en

Emenda 1326
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***L-uffiċjal għall-benesseri tal-annimali*** għandu jkun responsabbli għal dawn:	3. ***Il-veterinarju uffiċjali*** għandu jkun responsabbli għal dawn:

Or. en

Emenda 1327
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – punt -a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-a) jagħti struzzjonijiet lill-ekwipaġġ dwar il-ġestjoni u l-benesseri tal-annimali, jissorvelja l-ħidma tal-ekwipaġġ, jimmaniġġja l-kura veterinarja u l-għoti tal-mediċini lill-annimali;

Or. en

Emenda 1328
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(a) l-indukrar tal-annimali u l-verifika tagħhom tal-anqas darbtejn kuljum sabiex jivvaluta l-benesseri u l-idoneità tagħhom għat-trasport, u jieħu miżura xierqa sabiex iżomm il-benesseri tagħhom;	(a) l-indukrar tal-annimali u l-verifika tagħhom tal-anqas darbtejn kuljum sabiex jivvaluta l-benesseri u l-idoneità tagħhom għat-trasport, u jieħu miżura xierqa sabiex iżomm il-benesseri tagħhom***, inkluż l-obbligu li jiġu iżolati u kkurati immedjatament l-annimali b'sinjali ta' mard jew korriment, u li jiġu rreġistrati ċ-ċirkostanzi***;

Or. el

Emenda 1329
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-indukrar tal-annimali u l-verifika tagħhom ***tal-anqas darbtejn kuljum*** sabiex jivvaluta l-benesseri u l-idoneità tagħhom għat-trasport, u jieħu miżura xierqa sabiex iżomm il-benesseri tagħhom;	(a) l-indukrar tal-annimali u l-verifika tagħhom ***jitwettaq fi żmien 24 siegħa wara t-tluq lejn id-destinazzjoni,*** sabiex jivvaluta l-benesseri u l-idoneità tagħhom għat-trasport, u jieħu miżura xierqa sabiex iżomm il-benesseri tagħhom;

Or. ro

Emenda 1330
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-indukrar tal-annimali u l-verifika tagħhom tal-anqas ***darbtejn*** kuljum sabiex jivvaluta l-benesseri u l-idoneità tagħhom għat-trasport, u jieħu miżura xierqa sabiex iżomm il-benesseri tagħhom;	(a) l-indukrar tal-annimali u l-verifika tagħhom tal-anqas ***tliet darbiet*** kuljum sabiex jivvaluta l-benesseri u l-idoneità tagħhom għat-trasport, u jieħu miżura xierqa sabiex iżomm il-benesseri tagħhom;

Or. en

Emenda 1331
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-indukrar tal-annimali u l-verifika tagħhom tal-anqas ***darbtejn*** kuljum sabiex jivvaluta l-benesseri u l-idoneità tagħhom għat-trasport, u jieħu miżura xierqa sabiex iżomm il-benesseri tagħhom;	(a) l-indukrar tal-annimali u l-verifika tagħhom tal-anqas ***tliet darbiet*** kuljum sabiex jivvaluta l-benesseri u l-idoneità tagħhom għat-trasport, u jieħu miżura xierqa sabiex iżomm il-benesseri tagħhom;

Or. en

Emenda 1332
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a a) id-dokumentazzjoni tal-kontrolli, li għandhom jinkludu indikaturi tal-benesseri tal-annimali, il-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet ambjentali, il-funzjoni tat-tagħmir u l-ġestjoni tal-imraqad, il-konsum tal-ilma u tal-għalf, it-trattamenti u l-mortalità, is-sejbiet u kwalunkwe miżura sussegwenti meħuda;

Or. en

Emenda 1333
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(aa) Ladarba jkunu għaddew 28 siegħa mill-bidu tal-vjaġġ, jekk l-annimali ma jkunux waslu fid-destinazzjoni u jekk ikun jeżisti ċertu riskju, l-annimali għandhom jinħattu għal perjodu ta' mistrieħ ta' mill-inqas 24 siegħa.

Or. ro

Emenda 1334
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ab) Ladarba jkunu għaddew 28 siegħa mill-bidu tal-vjaġġ, jekk l-annimali ma jkunux waslu fid-destinazzjoni u jekk is-sitwazzjoni tas-saħħa toħloq riskju ta' esponiment għal mard matul il-ħatt, l-annimali għandhom jibqgħu fil-vettura wieqfa għal perjodu ta' 12-il siegħa.

Or. ro

Emenda 1335
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) in-notifika lill-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq u lill-organizzatur f'konformità mal-proċeduri definiti fil-pjan ta' kontinġenza msemmi fl-Artikolu 8, il-punt (3)(b)(iii), dwar kwalunkwe avveniment ***serju*** li jista' jaffettwa b'mod negattiv il-benesseri tal-annimali;	(b) in-notifika lill-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq u lill-organizzatur f'konformità mal-proċeduri definiti fil-pjan ta' kontinġenza msemmi fl-Artikolu 8, il-punt (3)(b)(iii), dwar kwalunkwe avveniment li jista' jaffettwa b'mod negattiv il-benesseri tal-annimali;

Or. en

Emenda 1336
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b a) it-tfassil ta' rapport ta' kuljum dwar il-vjaġġ li jkun fih feedback ċar u konsistenti dwar il-vjaġġ, b'rappurtar dettaljat dwar l-indikaturi li jaffettwaw il-benesseri tal-annimali, inklużi l-kundizzjonijiet tat-temperatura, u kwalunkwe mmaniġġar ħażin serju tal-annimali mill-ekwipaġġ tal-bastiment, u li dan jintbagħat kuljum lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru esportatur;

Or. en

Emenda 1337
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***l-iżgurar tal-***konformità mar-Regolament Nru 1099/2009, meta l-annimali ***jinqatlu*** matul il-vjaġġ fuq il-baħar sabiex tintemm it-tbatija tagħhom.	(c) ***it-twettiq ta' qtil ta' emerġenza, f'***konformità mar-Regolament Nru 1099/2009, meta l-annimali ***jkollhom*** jinqatlu matul il-vjaġġ fuq il-baħar biex tintemm it-tbatija tagħhom.

Or. en

Emenda 1338
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-iżgurar tal-konformità mar-Regolament Nru 1099/2009, meta l-annimali jinqatlu matul il-vjaġġ fuq il-baħar sabiex tintemm it-tbatija tagħhom.	(c) l-iżgurar tal-konformità mar-Regolament Nru 1099/2009, meta l-annimali jinqatlu matul il-vjaġġ fuq il-baħar sabiex tintemm it-tbatija tagħhom ***bil-metodi adegwati ta' ewtanażja***.

Or. en

Emenda 1339
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-iżgurar tal-konformità mar-Regolament Nru 1099/2009, meta l-annimali jinqatlu matul il-vjaġġ fuq il-baħar sabiex tintemm it-tbatija tagħhom.	(c) l-iżgurar tal-konformità mar-Regolament Nru 1099/2009, meta l-annimali jinqatlu matul il-vjaġġ fuq il-baħar sabiex tintemm it-tbatija tagħhom ***bil-metodi adegwati ta' ewtanażja***.

Or. en

Emenda 1340
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-organizzatur għandu jinforma lill-kaptan tal-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem bir-responsabbiltajiet tal-***uffiċjal tat-trasport għall-benesseri tal-annimali*** stabbiliti fil-paragrafu 3.	4. L-organizzatur għandu jinforma lill-kaptan tal-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem ***u tal-bastiment ro-ro*** bir-responsabbiltajiet tal-***veterinarju uffiċjali*** stabbiliti fil-paragrafu 3.

Or. en

Emenda 1341
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-organizzatur għandu jinforma lill-kaptan tal-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem bir-responsabbiltajiet tal-uffiċjal tat-trasport għall-benesseri tal-annimali stabbiliti fil-paragrafu 3.	4. L-organizzatur għandu jinforma lill-kaptan tal-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem***, tal-bastiment tal-kontejners jew tal-bastiment ro-ro*** bir-responsabbiltajiet tal-uffiċjal tat-trasport għall-benesseri tal-annimali stabbiliti fil-paragrafu 3.

Or. en

Emenda 1342
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operaturi taċ-ċentri ta' assemblaġġ għandhom jipprovdu lill-persunal tagħhom b'korsijiet ta' taħriġ dwar ir-regoli tekniċi stabbiliti fil-Punt 1 tal-Kapitoli I u III tal-Anness I.	1. L-operaturi taċ-ċentri ta' assemblaġġ għandhom jipprovdu lill-persunal tagħhom b'korsijiet ta' taħriġ ***regolari*** dwar ir-regoli tekniċi stabbiliti fil-Punt 1 tal-Kapitoli I u III tal-Anness I.

Or. en

Emenda 1343
Milan Uhrík

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jinfurmaw ***regolarment*** lill-persunal u lil nies oħrajn ammessi fiċ-ċentru ta' assemblaġġ bid-dmirijiet u bl-	(b) jinfurmaw lill-persunal u lil nies oħrajn ammessi fiċ-ċentru ta' assemblaġġ bid-dmirijiet u bl-obbligi tagħhom skont

obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament u dwar il-penali għal kull ksur ta' dan ir-Regolament;	dan ir-Regolament u dwar il-penali għal kull ksur ta' dan ir-Regolament;

Or. sk

Emenda 1344
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) f'każ ta' ksur ta' dan ir-Regolament minn kwalunkwe persuna preżenti f'ċentru ta' assemblaġġ, jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jirrimedjaw il-ksur u jipprevjenu r-rikorrenza tiegħu, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni meħuda mill-awtorità kompetenti;	(d) f'każ ta' ksur ta' dan ir-Regolament minn kwalunkwe persuna preżenti f'ċentru ta' assemblaġġ, jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jirrimedjaw il-ksur u jipprevjenu r-rikorrenza tiegħu, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni meħuda mill-awtorità kompetenti***, inkluża t-tneħħija obbligatorja ta' kwalunkwe uffiċjal jew persuna involuta f'atti ta' vjolenza jew negliġenza serja li jaffettwaw l-annimali***;

Or. el

Emenda 1345
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	iżomm Regolament intern aġġornat li għandu jipprevedi: i)il-kriterji ta' valutazzjoni tal-benesseri tal-annimali, jiġifieri l-idoneità għat-trasport, il-monitoraġġ tal-annimal mal-wasla, matul il-ħin imqatta' fil-faċilitajiet u fil-ħin tat-tluq; (ii) il-miżuri li għandhom jiġu applikati f'każ li annimal ma jkunx f'kundizzjoni tajba; (iii) il-komunikazzjoni ta' sitwazzjonijiet serji

rigward il-benesseri tal-annimali lill-Awtorità Kompetenti; (iv) rekords dettaljati tad-dħul u l-ħruġ tal-annimali, li jippermettu t-traċċabbiltà.

Or. en

Emenda 1346
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(e a) rapport annwali lill-awtorità kompetenti dwar l-implimentazzjoni tagħhom ta' dawn id-dispożizzjonijiet u dwar kwalunkwe ksur suspettat jew ikkonfermat.

Or. en

Emenda 1347
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2 a. Matul vjaġġ ma għandhomx isiru aktar minn żewġ waqfiet li jinvolvu l-ħatt u t-tagħbija mill-ġdid tal-annimali f'ċentri ta' assemblaġġ.

Or. en

Emenda 1348
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Ċentru ta' konċentrazzjoni ma għandux ikun indikat bħala l-post tad-destinazzjoni fil-ġurnal tal-vjaġġ imsemmi fl-Artikoli 15 u 16.	***imħassar***

Or. es

Ġustifikazzjoni

Tħassir ta' paragrafu li jikkundanna lis-swieq u liċ-ċentri ta' organizzazzjoni biex jisparixxu.

Emenda 1349
Christine Singer, Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Ċentru ta' assemblaġġ ma għandux ikun indikat bħala l-post tad-destinazzjoni fil-ġurnal tal-vjaġġ imsemmi fl-Artikoli 15 u 16.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1350
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Ċentru ta' assemblaġġ ma għandux ikun indikat bħala l-post tad-destinazzjoni fil-ġurnal tal-vjaġġ imsemmi fl-Artikoli 15 u 16.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1351
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Ċentru ta' assemblaġġ ma għandux ikun indikat bħala l-post tad-destinazzjoni fil-ġurnal tal-vjaġġ imsemmi fl-Artikoli 15 u 16.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1352
Stanislav Stoyanov

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Ċentru ta' assemblaġġ ma għandux ikun indikat bħala l-post tad-destinazzjoni fil-ġurnal tal-vjaġġ imsemmi fl-Artikoli 15 u 16.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tali attività hija rregolata fir-Regolament (UE) 2016/429. Mhuwiex ġust li jiġu kkastigati dawk iċ-ċentri ta' assemblaġġ bi prattiki stabbiliti sewwa li qed jiffunzjonaw tajjeb.

Emenda 1353
Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

3. Ċentru ta' assemblaġġ ma għandux ikun indikat bħala l-post tad-destinazzjoni fil-ġurnal tal-vjaġġ imsemmi fl-Artikoli 15 u 16.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1354
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Herbert Dorfmann, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Ċentru ta' assemblaġġ ma għandux ikun indikat bħala l-post tad-destinazzjoni fil-ġurnal tal-vjaġġ imsemmi fl-Artikoli 15 u 16.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1355
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-organizzaturi u, meta rilevanti, l-awtorità kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jipprevjenu jew inaqqsu għal minimu kwalunkwe dewmien matul it-trasport.	1. L-organizzaturi u, meta rilevanti, l-awtorità kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jipprevjenu jew inaqqsu għal minimu kwalunkwe dewmien matul it-trasport***, bil-forniment obbligatorju ta' pjan tal-vjaġġ u mezzi tat-trasport alternattivi biex jiġi evitat dewmien fil-każ ta' konġestjoni, eventi severi tat-temp jew ħsara teknika***.

Or. el

Emenda 1356
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-organizzaturi u, meta rilevanti, l-awtorità kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jipprevjenu jew inaqqsu għal minimu kwalunkwe dewmien matul it-trasport.	1. L-organizzaturi u, meta rilevanti, l-awtorità kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jipprevjenu jew inaqqsu għal minimu kwalunkwe dewmien ***mhux ġustifikat*** matul it-trasport.

Or. en

Emenda 1357
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-organizzaturi u, meta rilevanti, l-awtorità kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jipprevjenu jew inaqqsu għal minimu kwalunkwe dewmien matul it-trasport.	1. L-organizzaturi u, meta rilevanti, l-awtorità kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jipprevjenu jew inaqqsu għal minimu kwalunkwe dewmien ***mhux ġustifikat*** matul it-trasport.

Or. en

Emenda 1358
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-organizzaturi u, meta rilevanti, l-awtorità kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jipprevjenu jew	1. L-organizzaturi u, meta rilevanti, l-awtorità kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jipprevjenu jew

inaqqsu għal minimu kwalunkwe dewmien matul it-trasport.	inaqqsu għal minimu kwalunkwe dewmien ***żejjed*** matul it-trasport.

Or. en

Emenda 1359
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-organizzaturi u, meta rilevanti, l-awtorità kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jipprevjenu jew inaqqsu għal minimu kwalunkwe dewmien matul it-trasport.	1. L-organizzaturi u, meta rilevanti, l-awtorità kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jipprevjenu jew inaqqsu għal minimu kwalunkwe dewmien ***żejjed*** matul it-trasport.

Or. en

Emenda 1360
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-organizzaturi u***, meta rilevanti,*** l-awtorità kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jipprevjenu jew inaqqsu għal minimu kwalunkwe dewmien matul it-trasport.	1. L-organizzaturi u l-awtorità kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jipprevjenu jew inaqqsu għal minimu kwalunkwe dewmien matul it-trasport.

Or. en

Emenda 1361
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1 a. Jekk ikun hemm dewmien matul it-trasport, it-trasportatur għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq u lill-organizzatur f'konformità mal-proċeduri definiti fil-pjan ta' kontinġenza msemmi fl-Artikolu 8, il-punt (3)(b)(iii).

Or. en

Emenda 1362
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li jsiru arranġamenti speċjali fil-postijiet tat-tluq, fiċ-ċentri ta' assemblaġġ, fil-postijiet ta' kontroll, fl-istabbilimenti tad-destinazzjoni, fil-punti tal-ħruġ u fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera sabiex jagħtu prijorità lit-trasport tal-annimali, inkluż il-forniment ta' korsiji rapidi sabiex l-annimali jiġu spezzjonati ***meta jkun meħtieġ,*** mingħajr dewmien żejjed.	2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li jsiru arranġamenti speċjali fil-postijiet tat-tluq, fiċ-ċentri ta' assemblaġġ, fil-postijiet ta' kontroll, fl-istabbilimenti tad-destinazzjoni, fil-punti tal-ħruġ u fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera ***kollha*** sabiex jagħtu prijorità lit-trasport tal-annimali, inkluż il-forniment ta' korsiji rapidi sabiex l-annimali jiġu spezzjonati mingħajr dewmien żejjed. ***L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-possibbiltà li jintużaw korsiji ta' prijorità għat-trasport bit-triq fl-UE sabiex jipprevjenu d-dewmien u jitnaqqas it-tul tal-vjaġġ.***

Or. en

Emenda 1363
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament

Artikolu 23 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2 a. F'każijiet fejn id-dewmien ma jkunx jista' jiġi evitat, l-organizzaturi jridu jimplimentaw pjanijiet ta' kontinġenza biex jiżguraw li jinżamm il-benesseri tal-annimali, inkluż l-aċċess għall-ilma, l-għalf, u ventilazzjoni xierqa. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffaċilitaw ukoll l-użu ta' faċilitajiet ta' żamma temporanja, bħal ċentri ta' assemblaġġ, biex jipprevjenu li l-annimali jinżammu fuq il-vetturi tat-trasport għal perjodi estiżi.

Or. en

Emenda 1364
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2 a. F'każijiet fejn id-dewmien ma jkunx jista' jiġi evitat, l-organizzaturi jridu jimplimentaw pjanijiet ta' kontinġenza biex jiżguraw li jinżamm il-benesseri tal-annimali, inkluż l-aċċess għall-ilma, l-għalf, u ventilazzjoni xierqa. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffaċilitaw ukoll l-użu ta' faċilitajiet ta' żamma temporanja, bħal ċentri ta' assemblaġġ, biex jipprevjenu li l-annimali jinżammu fuq il-vetturi tat-trasport għal perjodi estiżi.

Or. en

Emenda 1365
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2 a. F'każ ta' dewmien, it-trasportatur għandu jiżgura li jiġi pprovdut eċċess ta' ikel u ilma għal vjaġġ ta' darba u nofs aktar mill-ħin tal-vjaġġ antiċipat. Kwalunkwe ikel jew ilma li ma jintużax jista' jintuża għal vjaġġi sussegwenti jew għat-tmigħ u t-tisqija tal-annimali fil-post tad-destinazzjoni.

Or. en

Emenda 1366
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Emma Wiesner, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens, Urmas Paet

Proposta għal regolament
Artikolu 23a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 23a
	Ċirkustanzi mhux previsti
	F'każijiet ta' ċirkustanzi mhux previsti bħal ħsarat fil-vetturi, konġestjoni tat-traffiku, u dewmien fil-fruntieri, it-trasportatur għandu jinforma minnufih lill-organizzatur u jikkuntattja lill-korpi ta' kollegament definiti fl-Artikolu 41 biex ifittex l-għajnuna. L-organizzatur għandu jimplimenta l-pjanijiet ta' kontinġenza kif previst fl-Artikolu 8.
	F'każijiet fejn l-annimali ttrasportati bit-triq, bil-ferrovija jew bil-bastiment jiġu riffutati fil-fruntiera bejn żewġ Stati Membri jew fil-fruntiera bejn Stat Membru u pajjiż terz, it-trasportatur għandu jinforma minnufih lill-organizzatur u jikkuntattja lill-korpi ta' kollegament definiti fl-Artikolu 41 biex

ifittex l-għajnuna. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-aħħar dħul għandha tieħu l-miżuri xierqa kollha fi żmien 24 siegħa bħal valutazzjoni tal-kundizzjonijiet tas-saħħa minn veterinarju, trattamenti veterinarji jekk meħtieġa, tiffaċilita r-ritorn tal-annimali fejn ikun possibbli jew tipprovdi biċċerija mobbli.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni Ewropea dwar ir-rifjut u jikkooperaw mal-Kummissjoni dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu.

Or. en

Emenda 1367
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 23a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 23a
	Ċirkustanzi mhux previsti
	F'każijiet ta' ċirkustanzi mhux previsti bħal ħsarat fil-vetturi, konġestjoni tat-traffiku, u dewmien, it-trasportatur għandu jinforma minnufih lill-organizzatur u jikkuntattja lill-korpi ta' kollegament definiti fl-Artikolu 41 biex ifittex l-għajnuna. L-organizzatur għandu jimplimenta l-pjanijiet ta' kontinġenza kif previst fl-Artikolu 7 u 8.
	***F'każijiet fejn l-annimali ttrasportati bit-triq, bil-ferrovija jew bil-bastiment jiġu rifjutati fil-fruntiera bejn żewġ Stati Membri jew fil-fruntiera bejn Stat Membru u pajjiż terz, it-trasportatur għandu jinforma minnufih lill-organizzatur u jikkuntattja lill-korpi ta' kollegament definiti fl-Artikolu 41 biex ifittex l-għajnuna. L-awtorità kompetenti**

tal-Istat Membru tal-aħħar dħul għandha tieħu l-miżuri xierqa kollha fi żmien 24 siegħa bħal valutazzjoni tal-kundizzjonijiet tas-saħħa minn veterinarju, trattamenti veterinarji jekk meħtieġa, tiffaċilita r-ritorn tal-annimali fejn ikun possibbli jew tipprovdi biċċerija mobbli.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni Ewropea dwar ir-rifjut u jikkooperaw mal-Kummissjoni dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu.

Or. en

Emenda 1368
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sistemi ta' pożizzjonament tal-mezzi tat-trasport	Sistemi ta' pożizzjonament tal-mezzi tat-trasport ***għal vjaġġi twal***

Or. en

Ġustifikazzjoni

The requirement to document every journey with real-time data in the TRACES system would lead to a disproportionate increase in bureaucracy, especially with regard to short journeys. Transport vehicles, especially for animal transport involving short journeys in small-scale agricultural operations, are typically used only sporadically. Equipping these vehicles, mostly trailers, with a tracking system is technically challenging, and ensuring the system's functionality is time-consuming. A distinction in the requirements between long-distance and short-distance transport is necessary.

Emenda 1369
Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sistemi ta’ pożizzjonament tal-mezzi tat-trasport	Sistemi ta’ pożizzjonament tal-mezzi tat-trasport ***għal vjaġġi twal***

Or. en

Emenda 1370
Philippe Olivier, Valérie Deloge, Julien Leonardelli, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-mezzi tat-trasport bit-triq għandhom ikunu mgħammrin b’sistema ta’ pożizzjonament li tikkomunika mas-sistema ta’ informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 fuq il-bażi tar-rekwiżiti tekniċi msemmijin fil-paragrafu 8.	***imħassar***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Cette disposition incrimine les transporteurs routiers inutilement alors qu'ils font déjà l'objet de dispositifs de contrôle et de traçage bien spécifiques à leur activité : depuis le 1er janvier 2005, "TRACES" est le système unique de référence obligatoire dans tous les États de l'Union pour identifier et contrôler les transports d'animaux et de produits d'origine animale selon les procédures établies par les services vétérinaires. De plus, depuis 2023, tous les camions sont désormais équipés de tachygraphes "intelligents" (version V2) qui, en plus d'enregistrer les temps de conduite, les temps de pause du chauffeur et les conditions de circulation (vitesse, kilométrage...), enregistrent également les passages de frontières, les chargements et les déchargements.

Emenda 1371
Christine Singer, Jan-Christoph Oetjen, Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-mezzi tat-trasport bit-triq għandhom ikunu mgħammrin b’sistema ta’	1. Il-mezzi tat-trasport bit-triq ***li jwettqu vjaġġi bejn l-Istati Membri u***

pożizzjonament li tikkomunika mas-sistema ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 fuq il-bażi tar-rekwiżiti tekniċi msemmijin fil-paragrafu 8.

vjaġġi lejn pajjiżi terzi għandhom ikunu mgħammrin b'sistema ta' pożizzjonament li tikkomunika mas-sistema ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 fuq il-bażi tar-rekwiżiti tekniċi msemmijin fil-paragrafu 8.

Or. en

Emenda 1372
Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-mezzi tat-trasport bit-triq għandhom ikunu mgħammrin b'sistema ta' pożizzjonament ***li tikkomunika mas-sistema ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3*** fuq il-bażi tar-rekwiżiti tekniċi msemmijin fil-paragrafu 8.	1. Il-mezzi tat-trasport bit-triq għandhom ikunu mgħammrin b'sistema ta' pożizzjonament fuq il-bażi tar-rekwiżiti tekniċi msemmijin fil-paragrafu 8.

Or. en

Emenda 1373
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
